PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0229/2011**

16.6.2011

# RAPPORT

dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-ħatra tal-President tal-Bank Ċentrali Ewropew
(10057/2011 – C7-0134/2011 – 2011/0804(NLE))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Sharon Bowles

# WERREJ

**Paġna**

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW......................................3

ANNESS: CURRICULUM VITAE TA' MARIO DRAGHI ....................................................4

ANNESS 2: TWEĠIBIET TA' MARIO DRAGHI GĦALL-MISTOQSIJIET..........................7

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT ..................................................37

## PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-ħatra tal-President tal-Bank Ċentrali Ewropew**
**(10057/2011 – C7-0134/2011 – 2011/0804(CNS))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2011 (10057/2011)[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 112(2), punt (b) tat-Trattat KE, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0134/2011),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 109 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0229/2011),

A. billi b'ittra tal-20 ta' Mejju 2011 il-Kunsill Ewropew ikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar il-ħatra ta' Mario Draghi bħala President tal-Bank Ċentrali Ewropew għal mandat ta' tmien snin b'effett mill-1 ta' Novembru 2011,

B. billi l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament imbagħad evalwa l-kredenzjali tal-persuna nnominata, b'mod partikolari fid-dawl tar-rekwiżiti stipulati fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 283(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u fid-dawl tal-ħtieġa tal-indipendenza sħiħa tal-Bank Ċentrali Ewropew skont l-Artikolu 130 TFUE, u billi fit-twettiq ta' dik l-evalwazzjoni, il-kumitat irċieva curriculum vitae mingħand il-kandidat kif ukoll it-tweġibiet tiegħu għall-kwestjonarju bil-miktub li ntbagħatlu,

C. billi l-kumitat imbagħad kellu smigħ ta' sagħtejn mal-persuna nnominata fl-14 ta' Ġunju 2011, li fih għamel dikjarazzjoni tal-ftuħ u mbagħad wieġeb għal mistoqsijiet li sarulu mill-membri tal-kumitat,

1. Jagħti opinjoni favorevoli dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-ħatra ta' Mario Draghi bħala President tal-Bank Ċentrali Ewropew;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Gvernijiet tal-Istati Membri.

---

[1] Għadha mhix ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali.

## ANNESS: CURRICULUM VITAE TA' MARIO DRAGHI

Mario Draghi twieled Ruma fit-3 ta' Settembru 1947, huwa miżżewweġ u għandu żewġt itfal.

Fid-29 ta' Diċembru 2005 huwa nħatar Gvernatur tal-Banca d'Italia. F'din il-kariga, huwa membru tal-Kunsill Amministrattiv u tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew u membru tal-Bord tad-Diretturi tal-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali.

Huwa wkoll il-Gvernatur li jirrappreżenta lill-Italja fil-Bord tal-Gvernaturi tal-Bank Internazzjonali għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp u tal-Bank Asjatiku għall-Iżvilupp.

Minn April 2006 huwa kien President tal-Forum għall-Istabilità Finanzjarja, li sar il-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB) fir-rebbiegħa tal-2009. L-FSB, li jgħaqqad flimkien l-awtoritajiet nazzjonali u internazzjonali responsabbli għall-istabilità finanzjarja, ġie stabbilit biex jikkoordina fil-livell internazzjonali l-ħidma tal-awtoritajiet finanzjarji nazzjonali u tal-entitajiet internazzjonali li jiffissaw l-istandards, u biex jiżviluppa u jippromwovi l-implimentazzjoni ta' politiki regolatorji, superviżorji u oħrajn li għandhom x'jaqsmu mas-settur finanzjarju li jkunu effettivi.

Iggradwa mill-Università La Sapienza ta' Ruma taħt is-superviżjoni tal-Professur Federico Caffè (1970) bit-teżi "Integrazione economica e variazioni dei tassi di cambio" ("l-integrazzjoni ekonomika u l-varjazzjonijiet fir-rati tal-kambju").

Irċieva d-Dottorat fl-Ekonomija mill-Institute of Technology ta' Massachusetts taħt is-superviżjoni tal-Professuri Franco Modigliani u Robert Solow (1976).

Mill-1975 huwa serva bħala professur tal-ekonomija fl-Universitajiet ta' Trento, Padova u Venezja. Mill-1981 sal-1991 huwa serva bħala professur tal-ekonomija u tal-politika monetarja fl-Università ta' Firenze.

Mill-1984 sal-1990 huwa kien Direttur Eżekuttiv fil-Bank Dinji.

Mill-1989 sal-1990 huwa kien jifforma parti minn grupp ta' ħidma mwaqqaf mill-ex-Ministru tal-Finanzi u ex-Gvernatur tal-Banca d'Italia, Guido Carli biex jabbozza liġi kostituzzjonali ġdida dwar l-intermedjazzjoni finanzjarja. Fl-1990 huwa kien ukoll konsulent ekonomiku għall-Banca d'Italia.

Fl-1991 huwa sar Direttur Ġenerali tat-Teżor Taljan, kariga li huwa okkupa għal 10 snin, taħt tmien gvernijiet differenti. F'din il-kariga, fl-1993, huwa kien President tal-Kumitat għall-Privatizzazzjonijiet u aktar tard tal-kumitat li rriveda l-leġiżlazzjoni korporattiva u finanzjarja Taljana u li abbozza l-liġi li tirregola s-swieq finanzjarji Taljani (magħrufa wkoll bħala l-"Legge Draghi").

Huwa mexxa d-Delegazzjoni Taljana li nnegozjat it-Trattat ta' Maastricht.

Fl-1999 huwa nħatar President tal-Grupp ta' Ħidma 3 tal-OECD.

Fl-2000 ħa l-kariga ta' President tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju Ewropew.

Huwa kien ukoll membru tal-G7 Deputies.

Mill-2002 sal-2005 huwa kien Viċi President u Direttur Amministrattiv tal-Goldman Sachs International.

Huwa jagħmel parti mill-Bord tal-Amministraturi tal-Princeton Institute for Advanced Study u tal-Brookings Institution.

Huwa kien ukoll il-kittieb u l-editur ta' għadd ta' pubblikazzjonijiet dwar kwistjonijiet makroekonomiċi u finanzjarji.

Fl-2009 huwa kiseb l-honoris causa fl-istatistika mill-Univerisità ta' Padova.

Fl-2010 huwa kiseb l-honoris causa fl-Amministrazzjoni tan-Negozju mill-Fondazzjoni CUOA ta' Viċenza.

Lista ta' pubblikazzjonijiet dwar kwistjonijiet makroekonomiċi u finanzjarji.

- Essay on economic theory and applications – Thesis Ph. D – MIT Dept. of Economics - 1977
- Studi di economia monetaria internazionale – Giuffrè Editore - 1978
- Produttività del lavoro, salari reali e occupazione – Franco Angeli Editore - 1979
- Aspettative razionali e politica economica – f'Banca Toscana, Studi e Informazioni n. 2/ Ġunju 1983
- Debito pubblico, saldo di parte corrente e tassi di interesse – f'Ricerche Economiche, n. 1 – Jannar – Marzu 1984
- Macroeconomic policies in an interdependent world — comment on F. Giavazzi "Exchange Rate Question in Europe" – 1989- edited by IMF
- Economists as policymakers – fil-European economic review n. 36 - 1992
- The case for and against financial conglomerate groups – fil-Financial Regulation, Bank Dinji - 1992
- Commento su privatizzazioni e struttura del controllo societario – fil-Le nuove frontiere della politica economica – collana "Le tematiche economiche e finanziarie" – Sole 24 Ore libri – April 1995
- Il processo di riforma dell'ordinamento finanziario – f'Bancaria, Nru 9/95 ABI, Settembru 1995
- Da Sim a Eurosim: nuovi assetti per mercati e intermediari – fi Quaderni IRS, n. 14 – Mejju 1996
- Il riordinamento normativo dei mercati finanziari e mobiliari – f'Diritto e Economia, nn. 1-2-3 1997

- La riforma dei mercati mobiliari e il TUF – f'Bancaria, nn. 7-8 1997 – ABI
- Il TUF nel panorama dei sistemi di corporate governance – f'Il controllo delle imprese italiane: la necessità di una riforma, S. De Angeli (a cura di), Vita e pensiero – 1998
- Indagine conoscitiva sull'evoluzione del mercato mobiliare italiano - Audizione innanzi alla Commissione Finanze della Camera – Lulju 1998 – f'Rivista delle Società, Nru 43/1998
- Corporate governance e competitività – f'Economia e Management Nru 6/98- SDA Bocconi
- Il percorso futuro delle privatizzazioni, il ruolo del Ministero del Tesoro – f'Economia e Management n. 1/99 – SDA Bocconi
- Il mercato finanziario a una svolta: linee guida dell'azione di riforma – f'La riforma dei mercati mobiliari italiani, G. Morelli (a cura di), collana ABI Diritto e fisco – 1999
- Ragioni e obiettivi del Testo unico della finanza – f'Il Testo Unico della Finanza, collana ABI Diritto e fisco – 1999
- Strenghtening Financial System – f'"Financial Liberalisation in Asia" – D.H Brooks – M. Queisser – Asian Development Bank - 1999
- Privatizzazioni e governo societario – f'"Interessi pubblici nella disciplina delle public companies" – Giuffrè editore - 2000
- Reform: economic policy administration – fl-International Journal of Public Administration – Volume 23 – nn. 2- 3 - 2000
- Investor and consumers protection in global financial services markets – fi "Globalisation of Financial Markets and Financial Stability", C. Randzio-Plath - 2001
- Prefazione a "L'Euro, scenari economici e dimensione simbolica", L. Sommo e G. Campani (a cura di) – Edizioni Guerini e Associati - 2001
- Transparency and risk management – 2003
- Transparency Risk Management and International Financial Fragility – coauthor (F. Giavazzi, Robert C. Merton) - Working paper 9806 – National Bureau of Economic Research - 2003
- Prefazione a "La Moneta", M. Merlino – Sperling & Kupfer 2003
- I conflitti d'interesse: un approccio internazionale – f'Bancaria, n. 2/2005 – ABI 2005
- "Research of a New Bretton Woods: Riserve currencies and global imbalances" – Introductory remarks - 4th Florence Colloquium – Ass. Guido Carli e Fondazione Cesifin - 2007
- Public debt management – coauthor (R. Dornbusch) - Cambridge University press - 2008.

## ANNESS 2: TWEĠIBIET TA' MARIO DRAGHI GĦALL-MISTOQSIJIET

**A. Sfond personali u professjonali**

1. *Jekk jogħġbok semmi l-aspetti ewlenin tal-esperjenza professjonali tiegħek fi kwistjonijiet monetarji, finanzjarji u kummerċjali.*

2. *Jekk jogħġbok semmi l-aspetti ewlenin tal-esperjenza Ewropea u internazzjonali tiegħek.*

Fir-rigward kemm tal-mistoqsija 1 u tal-mistoqsija 2:

Fid-29 ta' Diċembru 2005 jien ġejt maħtur Gvernatur tal-Banca d'Italia. F'din il-kariga, jiena membru tal-Kunsill Amministrattiv u tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew u membru tal-Bord tad-Diretturi tal-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali.

Jiena wkoll il-Gvernatur li jirrappreżenta lill-Italja fil-Bord tal-Gvernaturi tal-Bank Internazzjonali għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp u tal-Bank Asjatiku għall-Iżvilupp. Ilni minn April 2006 President tal-Forum għall-Istabilità Finanzjarja, li sar il-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB) fl-2009. L-FSB, li jgħaqqad flimkien l-awtoritajiet nazzjonali u internazzjonali responsabbli għall-istabilità finanzjarja, ġie stabbilit biex jikkoordina fil-livell internazzjonali l-ħidma tal-awtoritajiet finanzjarji nazzjonali u tal-entitajiet internazzjonali li jiffissaw l-istandards, u biex jiżviluppa u jippromwovi l-implimentazzjoni ta' politiki regolatorji, superviżorji u oħrajn li għandhom x'jaqsmu mas-settur finanzjarju li jkunu effettivi.

Jiena ggradwajt mill-Università La Sapienza ta' Ruma taħt is-superviżjoni tal-Professur Federico Caffè (1970) bit-teżi "Integrazione economica e variazioni dei tassi di cambio" ("l-integrazzjoni ekonomika u l-varjazzjonijiet fir-rati tal-kambju").

Jiena rċevejt id-Dottorat fl-Ekonomija mill-Institute of Technology ta' Massachusetts taħt is-superviżjoni tal-Professuri Franco Modigliani u Robert Solow (1976).

Mill-1975 jiena kont Professur tal-Ekonomija fl-Universitajiet ta' Trento, Padova u Venezja. Mill-1981 sal-1991 kont Professur tal-Ekonomija u tal-Politika Monetarja fl-Università ta' Firenze.

Mill-1984 sal-1990 kont Direttur Eżekuttiv fil-Bank Dinji.

Mill-1989 sal-1990 kont parti minn grupp ta' ħidma mwaqqaf mill-ex-Ministru tal-Finanzi u ex-Gvernatur tal-Banca d'Italia, Guido Carli biex jabbozza liġi kostituzzjonali ġdida dwar l-intermedjazzjoni finanzjarja. Fl-1990 kont konsulent ekonomiku għall-Banca d'Italia.

Fl-1991 kont ġejt maħtur Direttur Ġenerali tat-Teżor Taljan, kariga li okkupajt għal 10 snin, taħt tmien gvernijiet differenti. F'din il-kariga kont President tal-Kumitat għall-Privatizzazzjonijiet u, sussegwentement, tal-kumitat li rriveda l-leġiżlazzjoni korporattiva u finanzjarja Taljana u li abbozza l-liġi li tirregola s-swieq finanzjarji Taljani (magħrufa wkoll bħala l-"Legge Draghi").

Mexxejt id-Delegazzjoni Taljana li nnegozjat it-Trattat ta' Maastricht.

Fl-1999 inħtart President tal-Grupp ta' Ħidma 3 tal-OECD.

Fl-2000 sirt President tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju Ewropew.

Kont ukoll membru tal-G7 Deputies.

Mill-2002 sal-2005 kont Viċi President u Direttur Amministrattiv tal-Goldman Sachs International.

Nagħmel parti mill-Bord tal-Amministraturi tal-Princeton Institute for Advanced Study u tal-Brookings Institution.

Jiena wkoll l-awtur u l-editur ta' għadd ta' pubblikazzjonijiet dwar kwistjonijiet makroekonomiċi u finanzjarji.

Fl-2009 ksibt l-honoris causa fl-Istatistika mill-Univerisità ta' Padova.

Fl-2010 ksibt l-honoris causa fl-Amministrazzjoni tan-Negozju mill-Fondazzjoni CUOA ta' Viċenza.

3. *Liema kienu l-aktar deċiżjonijiet importanti li kellek sehem fit-teħid tagħhom fil-karriera professjonali tiegħek?*

F'dan li ġej se nsemmi fil-qosor biss il-mumenti fil-ħajja professjonali tiegħi li fihom ipparteċipajt f'deċiżjonijiet importanti fi rwol ewlieni:

1991: Mexxejt id-Delegazzjoni Taljana li nnegozjat it-Trattat ta' Maastricht;

1992: it-tluq tal-lira Taljana mill-ERM;

1993-2001: fil-kariga tiegħi ta' Direttur Ġenerali tat-Teżor Taljan, kont President tal-Kumitat għall-Privatizzazzjoni. F'din l-istess kariga, kont President tal-Kumitat li rriveda l-liġi korporattiva u finanzjarja Taljana u dwar il-funzjonament tas-swieq finanzjarji;

2008: ippreżentajt l-ewwel Rapport tal-Forum għall-Istabilità Finanzjarja (l-ewwel rapport komprensiv dwar il-kawżi tal-kriżi finanzjarja). Is-77 rakkomandazzjoni li kien hemm fih ġew approvati mis-Samit tal-G20 tal-Kapi tal-Istat u tal-Gvern f'Londra.

2007-2008: ir-reazzjoni tal-BĊE għall-kriżi finanzjarja;

4. *Għandek xi negozju jew xi investimenti finanzjarji jew xi impenji oħrajn li jistgħu jfixkluk milli taqdi d-dmirijiet prospettivi tiegħek, u hemm xi fatturi personali jew fatturi oħrajn rilevanti li jridu jitqiesu mill-Parlament meta jkun qed jikkunsidra n-nomina tiegħek?*

Le.

**<u>B. Politika ekonomika u monetarja</u>**

5. *X'se jkunu l-objettivi ewlenin li se tipprova tilħaq matul it-tmien snin tal-mandat tiegħek bħala President tal-Bank Ċentrali Ewropew?*

L-ewwel nett se nirrispetta bis-sħiħ il-mandat tat-Trattat.

Jiena nemmen li hemm tliet prinċipji li għadhom fundamentali biex jiggwidaw l-azzjoni tal-President futur tal-Bank Ċentrali Ewropew, filwaqt li jitqies l-għan tal-istabilità tal-prezzijiet kif stipulat fit-Trattat. L-ewwel nett, l-ogħla livell ta' kredibilità fil-ħidma għall-ilħuq tal-istess objettiv ta' stabilità tal-prezzijiet. It-tieni, li naġixxi b'indipendenza sħiħa fl-interess ġenerali taż-żona tal-euro, tal-UE fis-sħuħija tagħha, u taċ-ċittadini tagħha. It-tielet, l-orjentazzjoni fuq żmien medju – flimkien ma' doża tajba ta' pragmatiżmu – fl-evalwazzjoni tal-ambjent finanzjarju u ekonomiku li dejjem jevolvi.

Nixtieq inżid li jien inqis l-integrità, it-trasparenza u r-responsabilità għal għemili bħala valuri kruċjali għall-eżerċizzju tar-responsabilitajiet importanti fdati lill-BĊE.

6. *X'inhi l-valutazzjoni tiegħek tal-politika monetarja kif ġiet implimentata mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) għal 12-il sena? X'bidliet, jekk taħseb li hemm bżonnhom, tippromwovi jekk tinħatar President?*

B'konformità mal-mandat tagħna skont it-Trattat, huwa mistenni minna li noħolqu stabilità fil-prezzijiet fuq żmien medju għaż-żona tal-euro fis-sħuħija tagħha.

F'dan ir-rigward, il-BĊE kellu suċċess kbir li rnexxielu jagħti stabilità fil-prezzijiet liċ-ċittadini kollha taż-żona tal-euro. Dan jintwera bir-rata medja tal-inflazzjoni fiż-żona tal-euro, li kienet taħt, għalkemm qrib, il-livell ta' 2%, matul dawn l-aħħar 12-il sena, b'konformità mad-definizzjoni ta' stabilità tal-prezzijiet tal-BĊE. Din il-kisba hija aktar kunsiderevoli meta jitqiesu l-għadd numeruż ta' ostakoli li ż-żona tal-euro kellha tħabbat wiċċha magħhom, bħaż-żidiet sostanzjali fil-prezzijiet taż-żejt, kważi fuq bażi kontinwa, u fil-prezzijiet ta' komoditajiet oħrajn, u l-kriżi finanzjarja, biex insemmu xi wħud.

Barra minn hekk, u bħala xhieda tal-għoti kredibbli ta' stabilità fil-prezzijiet matul dawn l-aħħar 12-il sena, l-istennijiet ta' inflazzjoni baqgħu ankrati sewwa f'livell konsistenti mal-objettiv tagħna li nżommu r-rati tal-inflazzjoni fiż-żona tal-euro taħt, iżda qrib, it-2% fuq iż-żmien medju. Dan l-ankraġġ huwa importanti għall-effettività tal-politika monetarja, jiġifieri, il-ksib ta' stabilità fil-prezzijiet ukoll b'mod li jħares 'il quddiem. Fil-fehma tiegħi, dan l-ankraġġ huwa sinjal ċar li s-swieq finanzjarji u l-pubbliku inġenerali għandhom fiduċja kbira fl-impenn u l-kapaċità tagħna li nwettqu politika monetarja unika b'mod li jkun possibbli li tintlaħaq stabilità fil-prezzijiet.

Il-fatt li l-aspettattivi tal-inflazzjoni baqgħu l-biċċa l-kbira stabbli anki waqt il-kriżi finanzjarja, meta xi kummentaturi kienu qed ibassru xenarji ta' deflazzjoni, u meta l-inflazzjoni kienet fin-negattiv għal diversi xhur, jista' jitqies bħala indikazzjoni tal-kredibilità tal-politika monetarja tal-BĊE. Fid-dawl ta' dan, ma nara l-ebda raġuni biex jiġu introdotti bidliet għall-mod li wettaqna l-politika monetarja f'dawn l-aħħar 12-il sena.

7. *Spiss jingħad li minħabba bidliet strutturali fl-ekonomija dinjija, l-inflazzjoni nbidlet minn inflazzjoni fil-prezijiet tal-konsumatur għal inflazzjoni fil-prezzijiet tal-assi. X'inhi l-fehma tiegħek dwar dan u x'konsegwenzi tara għall-politika monetarja?*

Qabel il-kriżi finanzjarja waħda mit-temi ewlenin mitħaddta mill-osservaturi, akkademiċi u minn min ifassal il-politika kienet l-hekk imsejħa 'Moderazzjoni Kbira'. Matul it-30 sena ta' qabel kien hemm tendenza ta' deklin fl-inflazzjoni u fil-volatilità tagħha, u dan ġie interpretat

bħala konsegwenza tal-politiki monetarji u fiskali aħjar, kif ukoll tal-bidliet strutturali bħall-globalizzazzjoni (x'aktarx kienet taħlita taż-żewġ fatturi). Bil-kriżi finanzjarja l-attenzjoni ma baqgħetx fuq l-ekonomija reali iżda marret fuq is-swieq finanzjarji; ġie argumentat li l-banek ċentrali, filwaqt li kellhom suċċess f'li għelbu l-inflazzjoni fil-prodotti u s-servizzi, issa qed iħabbtu wiċċhom mal-isfida ġdida tal-inflazzjoni fil-prezzijiet tal-assi.

Dan mhuwiex kompletament minnu, minħabba li ż-żamma tal-istabilità fil-prezzijiet fuq bażi dejjiema għadha dejjem sfida. Il-banek ċentrali jafu sewwa li m'għandhomx jassumu li l-ġlieda kontra l-inflazzjoni fil-prezzijiet tal-prodotti u tas-servizzi ġiet żgur mirbuħa. Il-banek ċentrali jridu jippreservaw il-kredibilità tagħhom li stinkaw għaliha għal dawn l-aħħar 30 sena u jridu jibqgħu ffukati fuq l-objettiv tagħhom ta' stabilità fil-prezzijiet.

Fl-istess waqt wieħed ma jistax jiċħad li l-iżvilupp tas-swieq finanzjarji u l-integrazzjoni tagħhom fil-livell globali probabbilment wassal biex id-dinamika tal-prezzijiet tal-assi saret aktar rilevanti għall-politika monetarja milli kienet 30 sena ilu. Paradossalment, wieħed jista' jargumenta li s-suċċess tal-politika monetarja li tikkontrolla d-dinamika tal-inflazzjoni jista' jkun innifsu wieħed mill-fatturi li, billi naqqas il-premium tar-riskju mitlub mis-swieq finanzjarji, seta' kkontribwixxa għal żviluppi mhux sostenibbli f'xi prezzijiet tal-assi. Jekk wieħed iħares 'il quddiem, l-isfida għall-banek ċentrali hija li jqisu kif xieraq l-implikazzjonijiet tal-iżviluppi fil-prezzijiet tal-assi għar-riskji fuq żmien medju sat-tul għall-istabilità tal-prezzijiet.

Biex inkunu ċari, il-politika monetarja mhijiex neċessarjament l-istrument l-aktar xieraq biex jiġu ttrattati l-isplużjonijiet fil-prezzijiet tal-assi/kreditu. L-użu ta' strumenti makroprudenzjali mmirati kontra s-sorsi tal-esuberanza finanzjarja jista' jkun aktar xieraq. Madankollu, il-banek ċentrali jridu jinvestu fil-fehim tagħhom tad-dinamika tas-swieq finanzjarji u tar-rabta dejjem tinbidel bejn is-settur reali u s-settur finanzjarju tal-ekonomija.

F'din il-perspettiva, il-monitoraġġ tat-tkabbir ta' żbilanċi monetarji u tal-kreditu u l-iżviluppi fil-prezzijiet tal-assi huwa element importanti fi strateġija ta' politika monetarja robusta; orjentazzjoni fuq żmien medju hija kruċjali wkoll. L-istrateġija tal-BĊE hija mfassla biex, fl-evalwazzjonijiet ta' rutina tar-riskji għall-istabilità fil-prezzijiet, tinkorpora kif xieraq dawk ir-riskji li joriġinaw minn dinamiki monetarji, tal-kreditu u tal-prezzijiet tal-assi, li ma jkunux sostenibbli, li jistgħu jimmaterjalizzaw ruħhom fuq żmien fit-tul u sikwit jiġu segwiti minn aġġustamenti ibsin u li jsiru f'daqqa, anki wara li jkun għadda ż-żmien minn meta l-bżieżaq tal-prezzijiet tal-assi jkunu żviluppaw u kibru.

Għaldaqstant, l-analiżi monetarja għandha rwol importanti biex tiddefinixxi l-prospettivi fuq żmien medju u fit-tul għall-iżviluppi fil-prezzijiet; jekk titqies kif xieraq l-evalwazzjoni tal-iżviluppi tal-flus u tal-kreditu, ikun possibbli li wieħed isegwi l-interazzjonijiet bejn il-formazzjoni tal-prezzijiet fis-swieq tal-assi u l-ħolqien tal-kreditu u tal-likwidità fis-settur finanzjarju.

Dan l-approċċ huwa importanti minħabba li jgħin lill-politika monetarja tadotta attitudni preventiva lejn il-bidu ta' żbilanċi fil-prezzijiet tal-assi li huma riflessi fid-dinamiki tal-aggregati monetarji u tal-kreditu. Billi tadotta attitudni "leaning-against-the-wind" rigward dinamiki monetarji, tal-kreditu u tal-prezzijiet tal-assi li ma jkunux sostenibbli, il-politika monetarja tista' tillimita aħjar it-tkabbir ta' bżieżaq tal-prezzijiet tal-assi, minflok

sempliċement tintervjeni wara li l-bużżieqa tinfaqa', meta l-prezz f'termini ta' instabilità makroekonomika jista' jkun għoli ħafna.

8. *Kif tivvaluta l-konsegwenzi taż-żieda fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi għall-politika monetarja? Hemm kunflitt fir-rigward tal-politika monetarja bejn il-ġlieda kontra r-reċessjoni u li wieħed jibqa' viġilanti fir-rigward tal-inflazzjoni (aspettattivi)?*

Kif diġà indikajt, il-politika monetarja tal-BĊE hija maħsuba biex iżżomm l-istabilità fil-prezzijiet fuq iż-żmien medju. Għaldaqstant, huwa kruċjali li ssir evalwazzjoni dwar jekk iż-żidiet fil-prezzijiet tal-komoditajiet humiex ta' natura tranżitorja jew permanenti, u jekk hemmx ir-riskju li dawn jistgħu jwasslu għal effetti sekondarji.

Fil-prinċipju, jekk it-tibdiliet fil-prezzijiet tal-komoditajiet jkunu ta' natura temporanja, wieħed jista' jħares lejn il-volatilità fl-inflazzjoni li tirriżulta mill-effetti tal-ewwel impatt tagħhom. Madankollu, ir-riksju ta' effetti tat-tieni impatt iridu jiġu miġġielda, sabiex jiġi evitat li jkollhom impatt dejjiemi fuq l-aspettattivi u l-iżviluppi tal-inflazzjoni fiż-żmien medju. B'mod partikulari, il-politika monetarja teħtieġ tevita li żidiet temporanji fl-inflazzjoni jwasslu għall-ħolqien ta' effetti tat-tieni impatt fit-tendenzi tal-iffissar tal-pagi u tal-prezzijiet, pereżempju minħabba l-indiċjar tas-salarji u tal-prezzijiet għal inflazzjoni passata jew, b'mod aktar ġenerali, għal deterjorament tal-aspettattivi tal-inflazzjoni.

Barra minn hekk, f'każ li xejra persistenti 'l fuq fil-prezzijiet tal-komoditajiet taffettwa sistematikament l-inflazzjoni, ikun hemm ħtieġa aktar urġenti li, bħala prevenzjoni, wieħed jiġġieled ir-riskju li devjazzjoni daqshekk sostnuta 'l fuq mill-objettiv ta' stabilità tal-prezzijiet jista' jdgħajjef l-ankraġġ fis-sod tal-aspettattivi tal-inflazzjoni. F'dawn il-każijiet, ikun jinħtieġ aġġustament tal-istrateġija tal-politika monetarja biex tinżamm l-istabilità tal-prezzijiet u sabiex l-aspettattivi tal-inflazzjoni jinżammu ankrati sewwa.

F'dan il-mument attwali, il-BĊE timmoniterja ferm mill-qrib l-iżviluppi kollha fir-rigward tar-riskji ta' tendenzi 'l fuq tal-istabilità tal-prezzijiet.

Fir-rigward tat-tieni parti tal-mistoqsija, fuq żmien fit-tul m'hemm l-ebda kunflitt bejn it-tkabbir u l-inflazzjoni. Minflok, l-istabilità tal-prezzijiet hija kundizzjoni meħtieġa għal tkabbir sostenibbli. Għaldaqstant, naqbel bis-sħiħ mal-fehma li s'issa ggwidat id-deċiżjonijiet tal-Kunsill Governattiv: ir-rispett tal-mandat ewlieni tal-BĊE li jiżgura l-istabilità tal-prezzijiet fuq żmien medju huwa l-aqwa kontribut li l-politika monetarja tista' tagħmel sabiex trawwem tkabbir ekonomiku sostenibbli u ħolqien ta' impjiegi fl-ekonomija taż-żona tal-euro.

9. *Bla ħsara għall-objettiv tal-istabilità tal-prezzijiet, fil-fehma tiegħek il-BĊE kif għandu jissodisfa l-obbligi sekondarji tiegħu skont it-Trattat (li jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku u l-impjieg sħiħ) u xi strument jista' juża l-BĊE biex jissodisfahom?*

L-eżistenza ta' obbligi sekondarji skont l-Artikolu 127 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE ma timplikax l-eżistenza ta' kompromess bejn l-objettiv ewlieni tal-BĊE li tinżamm stabilità fil-prezzijiet u l-appoġġ għall-politiki ekonomiċi ġenerali tal-Unjoni.

Jeżisti kunsens wiesa', kemm mir-riċerka akkademika kif ukoll mill-esperjenza storika, dwar il-fatt li bank ċentrali ma jistax jinfluwenza t-tkabbir ekonomiku b'mod sostenibbli billi

jbiddel il-provvista tal-flus iżda jista, minflok, jikkontribwixxi għat-tkabbir billi jrawwem ambjent ta’ stabilità. Billi jankra fis-sod l-aspettattivi tal-inflazzjoni, il-kisba kredibbli tal-bank ċentrali ta’ ambjent ta’ stabilità tal-prezzijiet trawwem stabilità makroekonomika ġenerali li tiżola bl-aħjar mod l-ekonomja mill-konsegwenzi ta’ xokkijiet mhux mistennija.

F’dan ir-rigward, nosserva li – preċiżament bis-saħħa tal-kredibilità tiegħu u mingħajr ma tiġi pperikolata l-istabilità tal-prezzijiet – il-BĊE tabilħaqq kien kapaċi jipprovdi appoġġ kruċjali lill-ekonomija matul l-aħħar kriżi finanzjarja, permezz tat-tnaqqis tar-rati ta' interess konvenzjonali sal-livelli baxxi storiċi u apparti “miżuri mhux standard” bil-għan li tiżgura t-trażmissjoni mingħajr xkiel tal-politika monetarja.

Barra minn hekk, kif rajna fl-aħħar snin, l-instabilità finanzjarja hija theddida serja għat-tkabbir u għall-impjiegi. L-analiżi tar-riskji ta' stabilità finanzjarja li jevolvu u l-parteċipazzjoni fit-tfassil ta' politiki superviżorji, regolatorji u finanzjarji oħrajn biex tissaħħaħ il-flessibilità tas-sistema finanzjarja u biex jingħelbu r-riskji għall-istabilità finanzjarja, direttament fl-oqsma fejn il-BĊE għandu awtorità jew permezz tal-parteċipazzjoni tiegħu f'entitajiet oħrajn, huma wkoll modi kif jingħata kontribut għal kundizzjonijiet għal tkabbir sostenibbli.

*10. Kif tiġġudika r-relazzjoni istituzzjonali bejn il-BĊE, il-Kunsill u/jew il-Grupp tal-euro? Taħseb li l-koordinament u s-sorveljanza ekonomika fil-Grupp tal-euro għandhom jittejbu?*

Il-BĊE jieħu sehem, fuq bażi permanenti u f’konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat, fil-laqgħat tal-Kunsill ECOFIN, tal-Grupp tal-euro u tal-kumitati preparatorji tagħhom. Barra minn hekk, il-President tal-BĊE sikwit jieħu sehem fil-laqgħat tal-Kunsill Ewropew li fihom jiġu diskussi kwistjonijiet li jikkonċernaw lill-BĊE. B’mod simetriku, il-President tal-Kunsill tal-ECOFIN – kif ukoll il-Kummissarju għall-Affarijiet Ekonomiċi – jiġi regolarment mistieden fil-laqgħat tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE. Din il-kooperazzjoni istituzzjonali mill-qrib tippermetti lill-BĊE jinforma lill-Ministri dwar id-deċiżjonijiet tiegħu rigward il-politika monetarja u dwar il-valutazzjoni tiegħu tal-iżviluppi ekonomiċi u finanzjarji.

Barra minn hekk, il-BĊE jiddiskuti, mal-Istati Membri tal-UE, il-politiki baġitarji, strutturali u politiki makroekonomiċi oħra tagħhom (bħala parti mis-sorveljanza ekonomika tal-UE), l-affarijiet finanzjarji internazzjonali kif ukoll il-politiki tas-settur finanzjarju tagħhom.

Għaldaqstant, hemm ħafna opportunitajiet għall-BĊE li jagħmel interazzjoni mal-Kunsill u mal-Grupp tal-euro, filwaqt li jitqiesu r-responsabilitajiet rispettivi tad-diversi istituzzjonijiet u l-indipendenza tal-BĊE.

Minkejja dan ta' hawn fuq, jeħtieġ li l-Istati Membri jtejbu aktar il-koordinazzjoni politika kif ukoll li tissaħħaħ is-sorveljanza ekonomika. B'mod partikolari, biex ikun żgurat funzjonament bla xkiel tal-UEM u biex tiġi rispettata għalkollox is-sħubija ta' żona ta' munita unika, il-Grupp tal-euro għandu jiffoka d-diskussjonijiet tiegħu fuq il-ksib ta' pożizzjonijiet fiskali sostenibbli fiż-żona tal-euro, filwaqt li jittejjeb il-potenzjal ta' tkabbir tagħha u, ġeneralment, jiġi evitat l-iżviluup ta' żbilanċi insostenibbli. Dan jirrikjedi wkoll li tissaħħaħ il-pressjoni tal-pari fost l-Istati Membri.

*11. X'taħseb dwar l-abbozz ta' proposti leġiżlattivi dwar ir-"riforma tal-governanza ekonomika" li bħalissa qed jiġu diskussi?*

L-isforzi attwali biex tissaħħaħ il-governanza ekonomika fl-UE u fiż-żona tal-euro huma tal-ogħla importanza. Partikolarment fi ħdan iż-żona tal-euro, hemm ħtieġa li s-sorveljanza tmur aktar fil-fond u titwessa' sabiex jiġi rifless il-livell fond ta' integrazzjoni ekonomika li diġà nkiseb u sabiex tkun ta' appoġġ għall-funzjonament bla xkiel tal-EMU.

Ir-regoli u l-proċeduri eżistenti ma jiggarantux politiki fiskali prudenti fil-pajjiżi kollha: ħafna Stati Membri ġew milquta mill-kriżi finanzjarja meta diġà kellhom dejn pubbliku għoli u ftit li xejn kellhom spazju fejn jimmanuvraw. Barra minn hekk, l-iżbilanċi makroekonomiċi ma ngħatawx rwol adegwat fit-tfassil tal-governanza tal-EMU: it-tensjonijiet tad-dejn sovran ma laqtux biss lill-pajjiżi li kellhom problemi fil-finanzi pubbliċi, iżda wkoll lil dawk b'defiċit barrani għoli, bi tkabbir mhux bilanċjat u/jew b'settur privat ferm midjun. Fl-aħħar nett ma kien hemm l-ebda qafas adegwat li jissalvagwardja l-istabilità finanzjarja taż-żona tal-euro f'sitwazzjonijiet ta' kriżi.

F'dan ir-rigward, il-fokus il-ġdid biex jiġi kkoreġut il-livell għoli tad-dejn pubbliku u biex tiġi kkontenuta ż-żieda fl-ispiża pubblika huma passi importanti biex tissaħħaħ is-sorveljanza fiskali. Barra minn hekk, fil-qafas il-ġdid jeħtieġ li tiġi indirizzata b'mod konvinċenti l-problema tal-akkumulazzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi li jdumu fit-tul fiż-żona tal-euro. Għaldaqstant, jien nappoġġja ferm it-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tas-sorveljanza. Biex ikun effettiv il-qafas il-ġdid ta' sorveljanza makroekonomika jrid jiffoka fuq l-aktar żbilanċi ta' ħsara, b'mod partikulari t-telf persistenti tal-kompetittività, u biex jitqiesu l-ispeċifiċitajiet taż-żona tal-euro.

L-introduzzjoni tal-hekk imsejjaħ "Semestru Ewropew" għandu jiżgura li d-diversi proċessi ta' sorveljanza jwasslu għal riżultati konsistenti, filwaqt li jibqgħu separati mil-lat ġuridiku u proċedurali.

Jien nilqa' ħafna l-proposti tal-Parlament Ewropew li jintroduċi awtomatiċità akbar fil-proċeduri ta' sorveljanza sabiex mill-ewwel jiġu kkoreġuti d-devjazzjonijiet mit-tfassil tajjeb tal-politika. Fil-fehma tiegħi, dan huwa ferm importanti biex ikun hemm konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-politika u biex tissaħħaħ il-kredibilità tal-qafas ta' sorveljanza. Aħna għandna għaldaqstant nisfruttaw il-possibbilitajiet kollha f'dawn ir-rigward, inkluż l-użu akbar tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata invertita, fejn ikun possibbli: Il-proposti tal-parlament biex jiġu introdotti miżuri politiċi u ta' ħarsien tar-reputazzjoni biex titħeġġeġ il-konformità minn kmieni mal-qafas ta' sorveljanza; l-applikazzjoni antiċipata u gradwali ta' soluzzjonijiet finanzjarji u l-introduzzjoni ta' multa ġdida f'każ ta' falsifikazzjoni tal-istatistika; kif ukoll rekwiżiti minimi aktar stretti għall-oqfsa baġitarji nazzjonali tal-pajjiżi taż-żona tal-euro, jkunu passi ulterjuri fid-direzzjoni t-tajba biex is-sorveljanza ssir aktar effettiva u biex jiġu kkoreġuti wħud mill-iżbalji li twettqu fl-imgħoddi.

Issa huwa tal-akbar importanza li din ir-rankatura ta' riforma li nħolqot tintuża biex, sal-iskadenza ta' Ġunju 2011 iffissata mill-Kunsill Ewropew, jiġi konkluż b'suċċess it-trilogu li għaddej, u dan jirriżulta f'kompromess ambizzjuż bejn il-Kunsill u l-Parlament, bl-involviment ukoll tal-Kummissjoni, li jkun jisfrutta bis-sħiħ il-possibbilitajiet offruti mit-

Trattati.

*12. Xi rwoli, relazzjonijiet u sfidi tara għall-BĊE u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà futur?*

Il-lista tal-kundizzjonijiet ("Term Sheet") dwar l-ESM approvata mill-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2011 tipprevedi l-involviment tal-BĊE f'partijiet tal-proċess tal-MES.

L-ewwel nett, wara t-talba għall-għajnuna finanzjarja minn Stat Membru taż-żona tal-euro, il-BĊE iwettaq ħidma flimkien mal-Kummissjoni u mal-FMI biex jevalwa jekk hemmx riskju għall-istabilità finanzjarja taż-żona tal-euro fis-sħuħija tagħha li jiġġustifika l-attivazzjoni tal-MES u, jekk ikun il-każ, biex titwettaq analiżi rigoruża tas-sostenibilità tad-dejn.

It-tieni, jekk, abbażi ta' analiżi tas-sostenibilità, jiġi konkluż li programm ta' aġġustament makroekonomiku jista' realistikament jerġa' jġib lura d-dejn pubbliku fi triq sostenibbli, il-BĊE jwettaq ħidma mal-Kummissjoni u mal-FMI biex jevalwa l-ħtiġijiet finanzjarji effettivi tal-Istat Membru kkonċernat.

It-tielet, il-BĊE jikkontribwixxi, bl-għarfien speċjalizzat tekniku tiegħu, fejn ikun meħtieġ, għan-negozjar tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku u għall-monitoraġġ sussegwenti tal-implimentazzjoni ta' dan il-programm. Din il-prattika hija konformi ma' dik adottata għall-Faċilità ta' Self għall-Greċja u għall-għajnuna skont il-Faċilità Ewropea ta' Stabilità Finanzjarja (ESFS) u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM).

Fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' politika monetarja tal-Eurosistema, it-titoli ta' dejn maħruġa mill-MES (bħall-bonds tal-ESFS) ikunu eliġibbli bħala garanziji; l-MES huwa nnifsu mhux se jingħata aċċess għall-operazzjonijiet ta' politika monetarja tal-Eurosistema.

*13. X'jimplika l-ħruġ ta' Eurobonds għall-governanza ekonomika fiż-żona tal-euro?*

Il-"Eurobonds", jew il-bonds garantiti konġuntament mill-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro, ġew proposti bħala strument biex jiżdiedu d-daqs u l-likwidità tas-swieq tad-dejn sovran li, min-naħa tiegħu, inaqqas l-ispiża tat-tislif u potenzjlament ikun mekkanismu li jista' jsolvi l-kriżi tad-dejn sovran ta' bħalissa.

Madankollu, il-qafas istituzzjonali attwali, fejn il-politiki fiskali huma ċċentralizzati, mhuwiex kompatibbli mal-kunċett tal-Eurobonds, kif deskritt hawn fuq. Aktar importanti huwa l-fatt li rata ta' interess waħda għal żmien fit-tul għaż-żona tal-euro kollha tintroduċi sussidju impliċitu mill-Istati Membri fiskalment sodi għal oħrajn fiskalment anqas sodi. Din jista' jippremja b'mod mhux xieraq il-politiki żbaljati u jservi ta' diżinċentiv għall-prudenza fiskali fil-ġejjieni. Fl-istess waqt, l-Istati Membri fiskalment sodi jaraw parti mill-benefiċċji tal-prudenza tagħhom jiġu ttrasferiti lejn l-istati l-oħra.

Hemm proposti aktar kumplessi, fejn il-Eurobonds ma jissostitwixxux għalkollox dawk maħruġa fuq livell nazzjonali, iżda f'dan l-istadju huma wkoll jinvolvi problemi tekniċi u ekonomiċi.

Għal dawn ir-raġunijiet il-ħruġ ta' Eurobonds ikun biss xieraq f'qafas istituzzjonali fejn ċertu grad ta' kompetenza fiskali jiġi ttrasferit mil-livell nazzjonali għal-livell tal-Unjoni, biex b'hekk jiġu internalizzati kemm il-benefiċċji kif ukoll ir-responsabilitajiet li jikkonċernaw il-ħruġ tal-Eurobonds.

Din it-triq, madankollu, tkun tirrikjedi bidliet istituzzjonali kbar li ma tantx jidhru li jistgħu jgawdu minn appoġġ wiesa' fil-mument.

*14. Kif, fil-fehma tiegħek, għandu jaġixxu l-BĊE jekk 'haircut' tal-bonds tal-gvern ta' Stat Membru taż-Żona tal-euro ssir realtà?*

'Haircut' fil-bonds tal-gvern hija konsegwenza tal-proċess ta' ristrutturar tad-dejn sovran. Ir-ristrutturar tad-dejn hija alternattiva li l-prezz tagħha jkun akbar mill-benefiċċji.

Bl-implimentazzjoni sħiħa tal-programm ta' aġġustament għall-Greċja, il-proporzjon dejn/PDG jibda' jonqos b'mod dejjiemi wara l-2013. Huwa ċar li dan jirrappreżenta sfida kbira; madankollu, meta mqabbel ma kull alternattiva oħra, it-twettiq tal-programm ekonomiku għadu u jibqa', bl-akbar probabilità, il-mod li l-anqas jiswa flus għall-partijiet kollha kkonċernati.

F'każ ta' ristrutturar, l-adegwatezza tal-garanziji tal-bonds tal-gvern ikkonċernati – u probabbilment tal-emittenti kollha fil-pajjiż – tkun ipperikolata. Bl-istess mod, is-sodezza finanzjarja tal-banek domestiċi (li ġeneralment huma esposti ħafna għall-bonds irristrutturati) probabbilment tkun kompromessa.

Barra minn hekk, ristrutturar ta' dejn sovran jinvolvi riskji finanzjarji u makroekonomiċi qawwija. Ir-ristrutturar fi Stat Membru taż-żona tal-euro jġib miegħu ir-riskju sinifikanti li s-sistema finanzjarja tiġi destabbilizzata, bil-konsegwenzi severi għall-prospettivi ta' tkabbir taż-żona tal-euro.

Fl-aħħar nett, ma jistax jiġi eskluż li jkun hemm effetti mifruxa fuq pajjiżi oħra taż-żona tal-euro, b'impatt negattiv fuq il-fiduċja u l-aspettattivi ta' ristrutturar ulterjuri fil-pajjiż ikkonċernat jew f'pajjiżi oħra. Fil-pajjiżi taż-żona tal-euro jistgħu jitfaċċaw dubji dwar is-sostenibilità tad-dejn u dwar "spreads" ogħla.

It-triq 'il quddiem biex tiġi solvuta kwalunkwe kriżi ta' dejn sovran fiż-żona tal-euro tiddependi fuq dixxiplina fiskali u l-konsolidazzjoni, fejn ikun meħtieġ. B'mod aktar speċifiku, il-pajjiżi għandhom jibqgħu jwettqu sforzi ambizzjużi ta' konsolidazzjoni sakemm jiġu kkoreġuti id-defiċits eċċessivi, filwaqt li jispeċifikaw b'mod ċar u kemm jista' jkun malajr il-miżuri involuti li għandhom x'jaqsmu mat-taxxi u mal-infiq. Il-governanza fiskali għandha tittejjeb (bl-adozzjoni ta' regoli fiskali multiannwali rigorużi b'sanzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' konformità) biex titrawwem il-kredibilità tal-objettiv fiskali fis-snin suċċessivi. Fil-każ ta' pajjiżi li jaqgħu taħt il-programmi tal-UE/IMF, l-uniku mod maħsub sabiex pajjiż jerġa' jikseb id-dixxiplina fiskali u l-kredibilità fil-konfront ta' dawk detenturi tad-debitu tiegħu huwa l-implimentazzjoni sħiħa tal-programmi nfushom. Ir-riformi ekonomiċi maħsuba biex jistimulaw il-kompettittività u t-tkabbir huma wkoll kruċjali.

Għaldaqstant, jekk sfortunatament dan iseħħ, il-BĊE ikollu naturalment jopera fil-limiti

stipulati mit-Trattat (ara wkoll mistoqsija 16).

15. *Jeżisti kunflitt ta' interess bejn il-mandat tal-BĊE u l-fatt li l-Bank huwa detentur ta' bonds ta' Stati Membri taż-żona tal-euro?*

L-ewwel nett nixtieq infakkar tliet karatteristiċi tal-Programm (tagħna) għas-Suq tat-Titoli (SMP): huwa programm li fin-natura tiegħu huwa temporanju, ta' ammont limitat filwaqt li l-effetti monetarji tiegħu huma kompletament sterilizzati.

Id-deċiżjoni li jinxtraw bonds (tal-gvern) ta' pajjiżi taż-żona tal-euro ttieħdet (flimkien ma' miżuri ta' politika oħrajn mhux standard ta' natura temporanja diġà fis-seħħ) bħala sostenn għall-profondità u l-likwidità ta' dawk is-segmenti tas-swieq tat-titoli ta' dejn pubbliċi u privati fiż-żona tal-euro li ma kinux qed jiffunzjonaw, sabiex titħares il-funzjonalità tal-mekkaniżmu ta' trażmissjoni tal-politika monetarja. Dan il-funzjonament huwa indispensabbli għall-finijiet tat-twettiq effettiv tal-politika monetarja. F'dan ir-rigward, l-intervent tal-BĊE f'uħud mis-swieq tal-bonds tal-gvern kien essenzjali sabiex il-BĊE seta' jkompli jwettaq dak li huwa mistenni minnu li jitwettaq, jiġifieri l-istabilità tal-prezzijiet fuq iż-żmien medju għaż-żona tal-euro fis-sħuħija tagħha.

Għaldaqstant, l-azzjonijiet tal-BĊE biex ikompli jwettaq il-mandat tiegħu m'huma bl-ebda mod affettwati mill-fatt li huwa detentur ta' bonds ta' xi Stati Membri taż-żona tal-euro. Il-BĊE għandu l-intenzjoni li jżomm dawn il-bonds mixtrija sakemm jimmaturaw. Għaldaqstant, il-bilanċ tiegħu mhux affettwat mill-varjazzjonijiet fil-prezzijiet tas-suq li jirriżultaw minn tibdil fil-politika monetarja. B'mod aktar ġenerali, id-deċiżjonijiet dwar il-miżuri standard tal-BĊE – ir-rati ta' interess prinċipali tal-BĊE – jittieħdu indipendentement mill-miżuri mhux standard. Dan jiżgura li l-politika monetarja tal-BĊE tista' tiġi aġġustata fil-ħin sabiex tiġġieled ir-riskji għall-istabilità tal-prezzijiet fuq iż-żmien medju, filwaqt li tindirizza l-anomaliji li jfdal fil-mekkaniżmu ta' trażmissjoni permezz ta' miżuri mhux standard.

Nixtieq inżid li l-possibilità biss ta' interventi fis-suq tat-titoli setgħet innifisha kkontribwiet biex jitrażżan it-tifrix tal-effetti mill-pajjiżi direttament milquta mill-kriżi tad-dejn sovran għal pajjiżi oħra li, kieku fl-assenza tal-SMP, kien ikun jimplika ostakoli aktar ibsin għall-proċess tat-trażmissjoni tal-politika monetarja fiż-żona tal-euro fis-sħuħija tagħha.

16. *Il-Presdient tal-BĊE hedded li jirtira l-likwidità tas-settur bankarju ta' Stat membru taż-żona tal-euro f'każ fejn Stat Membru jipprova jirristruttura d-dejn pubbliku tiegħu. Inti lest li tuża s-setgħat tiegħek b'dan il-mod jew b'mod simili?*

L-Eurosistema tista' biss tipprovdi likwidità lil banek li huma finanzjarjament sodi u meta jkun hemm garanziji adegwati, b'konformità mat-TFUE u mal-Istatut tas-SEBĊ. Attwalment, il-BĊE jaċċetta l-bonds tal-Gvern Grieg bħala garanzija adegwata wara li kienet sospiża l-applikazzjoni tal-livell minimu tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fir-rekwiżit tal-eliġibilità għall-garanzija; dan huwa minħabba li l-BĊE analizza bir-reqqa l-programm UE/FMI u approvah bħala adegwat biex jindirizza l-kriżi attwali tad-dejn sovran. Din l-evalwazzjoni pożittiva u l-impenn b'saħħtu tal-Gvern Grieg li jimplimenta bis-sħiħ il-programm huma, għaldaqstant, il-bażi għas-sospensjoni mħabbra (ara mistoqsija 14).

Dan il-programm ma jqisx ristrutturar tad-dejn. Minflok, huwa jiżgura li l-Greċja tħallas id-dejn kollu tagħha meta dan ikun dovut. F'dan is-sens, l-aderenza għall-programm iżżid il-kredibilità tad-dejn Grieg biex jikkwalifika bħala garanzija eliġibbli.

17. *Kif tevalwa t-tkabbir tal-obbligazzjonijiet u l-ammonti riċevibbli tal-membri tal-BĊE fir-rigward ta' Target2?*

L-obbligazzjonijiet u l-krediti lejn il-BĊE fir-rigward ta' TARGET2 huma riflessjoni tal-flussi transkonfinali mwettqa bejn il-banek fiż-żona tal-euro: meta l-flussi transkonfinali jgħaddu mis-sistema ta' pagament TARGET2, il-Bank Ċentrali Nazzjonali (BĊN) tal-pagatur f'pajjiż partikulari jassumi obbligu lejn il-BĊE ta' benefiċjarju f'pajjiż ieħor. Dan joħloq obbligi fi ħdan l-Eurosistema; Huma jiġu aggregati u kkumpensati fl-aħħar ta' jum ta' negozju, li jwassal biex kull BĊN jkolli jew kreditu jew obbligu lejn il-BĊE.

BĊN jiżviluppa obbligazzjoni tat-TARGET2 lejn il-BĊE jekk jipprovdi aktar fondi lill-kontropartijiet tiegħu (jiġifieri l-banek li lilhom jislef likwidità fuq garanziji) milli huma jkunu jeħtieġu fi żminijiet normali (fl-aggregat, il-ħtieġa normali hija s-somma tar-riservi li l-banek ikollhom bil-BĊN flimkien mal-"fatturi awtonomi netti" – essenzjalment il-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni u d-depożiti tal-gvern fil-BĊN, minbarra l-assi finanzjarji netti tal-BĊN). Attwalment, pereżempju, il-BĊN tal-Irlanda, tal-Greċja, tal-Portugall u ta' Spanja għandhom bilanċ negattiv, jiġifieri, obbligazzjoni lejn il-BĊE.

Tabilħaqq, fiż-żminijiet ta' kriżi attwali xi banek kummerċjali qed iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet fl-aċċess għall-finanzjament fuq is-swieq, li possibilment huwa aggravat mill-irtirar tad-depożiti. Biex ikun hemm kumpens għall-flussi transkonfinali 'l barra, il-ħtiġijiet ta' likwidità tal-banek jistgħu jiġu akkomodati mill-BĊN. Għall-kuntrarju, fil-pajjiżi fejn il-banek jaraw flussi transkonfinali 'l ġewwa, il-banek għandhom bżonn ta' anqas likwidità mill-BĊN rispettiv tagħhom milli fi żminijiet normali (u l-banek ċentrali nazzjonali tal-aħħar jiżviluppaw attiv (kreditu) mal-BĊE).

Kif diġà għidt diversi drabi oħra, huwa essenzjali li tiġi ttrattata l-kwistjoni ta' offerti sproporzjonati minn xi banek fl-irkantijiet ta' rifinanzjament tal-Eurosistema.

Madankollu, il-kreditu TARGET2 fuq il-karti tal-bilanċ ta' BĊN, ma jikkostittwix fih innifsu esponiment għal riskju finanzjarju tal-BĊN konċernat.

18. *Kif se tiżgura t-trasparenza rigward ix-xiri mill-BĊE ta' bonds tal-gvern fis-suq sekondarju u tal-bonds koperti (Programm ta' Xiri ta' Bonds Koperti)? Se tiżvela liema bonds inxtraw u b'liema prezz inxtraw?*

L-ewwel nett, nixtieq infakkar li l-Kunsill Governattiv huwa trasparenti dwar l-ammonti totali li xtara fiż-żewġ programmi. Kif taf, is-CBPP spiċċa f'Ġunju 2010 meta laħaq l-ammont iddikjarat tiegħu ta' EUR 60 biljun. L-ammont pendenti huwa ppubblikat kuljum fil-websajt tal-BĊE. L-istess jiġri fil-każ tal-SMP, fejn il-frekwenza tal-pubblikazzjoni tal-ammont pendenti hija kull ġimgħa u tinsab fid-dikjarazzjoni finanzjarja ta' kull ġimgħa, kif ukoll fil-komunikazzjoni tal-operazzjoni ta' assorbiment ta' kull ġimgħa bl-għan li jiġi sterilizzat ix-xiri ta' bonds li jsir skont l-SMP.

It-tieni, ippermettili nfakkar l-għan taż-żewġ programmi, li huwa li jitħares il-funzjonament tal-mekkaniżmu ta' trażmissjoni tal-politika monetarja fiż-żona tal-euro. Għaldaqstant, l-għan tas-CBPP kien li jappoġġja qasam tas-suq li bata matul il-kriżi finanzjarja, billi dan huwa importanti biex jinżamm il-fluss ta' kreditu għall-ekonomija. L-SMP nbeda bħala konsegwenza tal-iżvilupp tal-kriżi tad-dejn sovran, f'Mejju 2010. Hawnhekk l-enfasi qiegħda fuq is-sigurtajiet, bħall-bonds tal-gvern, maħruġa fl-Istati Membri taż-żona tal-euro, li huma vitali għall-proċess ta' trażmissjoni tal-politika monetarja billi normalment għandhom rwol kruċjali fil-karti tal-bilanċ tal-banek.

L-iżvelar sħiħ tal-pożizzjoni sigurtà b'sigurtà tal-BĊE li nkisbet taħt iż-żewġ programmi kien jagħmilha aktar diffiċli għall-BĊE li jilħaq l-għan tiegħu. Pereżempju, il-parteċipanti fis-suq setgħu ppruvaw jagħmlu l-qligħ mill-SMP billi jiżviluppaw strateġiji kummerċjali bi frekwenza għolja, li jistgħu jostakolaw immens l-effikaċja tal-programm. Il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' effikaċja tal-SMP jostakolaw il-mekkaniżmu ta' trażmissjoni tal-politika monetarja, li huwa importanti ferm biex il-BĊE jilħaq l-għan tiegħu ta' integrazzjoni tal-istabbiltà tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro.

Fil-valutazzjoni tal-Kunsill Governattiv, il-kostijiet tal-iżvelar ta' informazzjoni sigurtà b'sigurtà dwar ix-xiri tal-BĊE huma ferm akbar mill-benefiċċju. Għal din ir-raġuni, iddeċidejna ma niżvelawx ir-rendikont dettaljat tal-parteċipazzjonijiet u ma nipprevedu ebda żvelar bħal dan.

19. *Il-bżieżaq fis-swieq immobiljari kellhom rwol importanti f'din il-kriżi ekonomika. X'miżuri tirrakkomanda lil min ifassal il-politika fl-Ewropa biex jiġu limitati l-fluttwazzjonijiet tal-prezzijiet tal-assi fis-swieq immobiljari Ewropej fil-ġejjieni?*

Il-kriżi kkonfermat li t-tifqigħ tal-bżieżaq tal-prezzijiet tal-assi għandu impatti kbar ħafna fuq l-ekonomija reali. L-esperjenza riċenti, bħal f'każijiet preċedenti, uriet li l-bżieżaq tal-prezzijiet tal-assi u d-devjazzjoni tal-valuri immobiljari mill-valur "fundamentali" tagħhom huma akkumpanjati minn akkumulazzjoni qawwija ta' żbilanċi finanzjarji fis-suq privat.

Għalhekk l-ewwel rakkomandazzjoni hija li jiġu mmonitorjati mill-qrib in-natura taċ-ċaqliq tal-prezzijiet tal-assi u ż-żieda fl-ingranaġġ, kif ukoll li jsir investiment f'għodda għall-identifikazzjoni tal-iżbilanċi u l-allinjamenti mhux korretti. Ħarsa regolari u fid-dettall lejn l-iżviluppi monetarji u tal-kreditu, kif inhu inerenti fl-istrateġija tal-BĊE dwar il-politika monetarja, tista' tagħti intuwizzjonijiet importanti dwar l-interazzjoni bejn il-ħolqien eċċessiv ta' likwidità u s-sovraestensjoni tal-kreditu, minn naħa waħda, u t-tħeġġiġ ta' żviluppi insostenibbli tal-prezzijiet tal-assi, min-naħa l-oħra. Sforzi riċenti fil-livell tal-UE fil-kuntest ta' proċeduri mtejba ta' makrosorveljanza, bħalma huwa rifless fil-mekkaniżmu ta' twissija tat-Tabella ta' valutazzjoni, huma passi fid-direzzjoni t-tajba lejn il-ħolqien ta' indikaturi ta' twissija bikrija.

It-tieni rakkomandazzjoni hija li jintlaħaq ftehim dwar kaxxa ta' għodda effikaċi ta' miżuri 'ex-ante' sabiex jiġi evitat l-iżvilupp ta' żbilanċi, u li jkun hemm għarfien ċar dwar il-vantaġġi kompetittivi ta' oqsma politiċi differenti f'dan il-proċess ta' prevenzjoni. Il-politika monetarja m'għandha l-ebda rwol fir-rigward tal-prezzijiet tal-assi, għalkemm tista' effettivament tadotta attitudni "leaning against the wind" meta jitqiesu l-konsegwenzi tal-akkumulazzjoni ta'

żbilanċi monetarji u tal-kreditu u l-effetti tagħhom fuq il-prospettivi fuq perjodu medju ta' żmien għall-istabbiltà tal-prezzijiet tal-konsumatur (ara wkoll it-tweġiba għall-Mistoqsija 7). Iżda t-trażżin tal-emerġenza ta' bżieżaq kbar tal-prezzijiet tal-assi bir-rati tal-imgħax tal-banek ċentrali biss mhuwiex l-aqwa soluzzjoni. Għodda disponibbli għal oqsma politiċi oħra, bħall-politiki fiskali u regolatorji hija aktar effikaċi f'tali ċirkustanzi.

Ġeneralment, l-awtoritajiet għandhom jikkunsidraw l-implimentazzjoni ta' firxa ta' miżuri politiċi, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tas-swieq immobiljari fil-ġuriżdizzjonijiet rispettivi. F'dan il-kuntest, id-definizzjoni xierqa u l-implimentazzjoni effikaċi u konsistenti ta' miżuri makroprudenzjali f'ġuriżdizzjonijiet differenti huma ta' importanza kbira.

L-ewwel għodda verament makroprudenzjali hija l-bafer kapitali kontroċikliku (CCB) li se jiġi implimentat gradwalment mill-2016 'il quddiem u se jiġi attivat f'perjodi ta' tkabbir eċċessiv tal-kreditu li jkun akkumpanjat mill-iżvilupp ta' riskji sistemiċi. Billi l-isplużjonijiet tal-kreditu spiss joriġinaw mill-bżieżaq tal-prezzijiet tal-assi, u jgħinu biex ikabbruhom, is-CCB jista' jgħin fit-trażżin tal-isplużjonijiet tal-assi billi jirrikjedi li l-banek kollha jżommu kapital addizzjonali għas-self f'dan il-perjodu.

Għodda makroprudenzjali oħra tista' tkun aktar xierqa biex jitneħħa r-riskju ta' tisħin żejjed fis-suq immobiljari. Din tinkludi l-applikazzjoni ta' proporzjonijiet massimi self/valur (LTV) għas-self immobiljari, kif ukoll id-definizzjoni tal-proporzjonijiet massimi self/dħul (LTI) jew servizz tad-dejn ipotekarju/dħul. Dawn l-istrumenti huma magħrufa relattivament sew, u diġà ntużaw f'xi pajjiżi. Bħala prinċipju, madankollu, hemm firxa wiesgħa ta' għodda (bħal dik makroprudenzjali jew fiskali) li tista' tintuża għal skopijiet makroprudenzjali, biex jitrażżan l-iżvilupp ta' splużjonijiet tal-assi u r-riskju sistemiku relatat.

Miżuri oħra jistgħu jinkludu rekwiżiti ta' kapital addizzjonali mis-superviżuri taħt il-Pilastru 2 tal-qafas Basel II għal banek individwali li jitqiesu mill-awtoritajiet li huma partikolarment esposti għal ċerti tipi ta' riskji (eż. ir-riskju tal-konċentrazzjoni fis-swieq immobiljari). Barra minn hekk, is-superviżjoni intensifikata, flimkien ma' testijiet speċifiċi tal-istress, tista' tikkontribwixxi wkoll għal politiki ta' self b'aktar attenzjoni min-naħa tal-banek. L-eliminazzjoni ta' inċentivi fiskali mhux xierqa għal self ipotekarju tista' titqies ukoll bħala għodda politika makroprudenzjali biex jittaffa t-tkabbir eċċessiv tal-kreditu f'dan il-qasam tas-suq.

L-għarfien tagħna dwar il-funzjonament ta' din l-għodda mil-lat makroprudenzjali għadu fi stadju bikri, kemm teoretikament kif ukoll mil-lat empiriku. Il-BERS u awtoritajiet makroprudenzjali oħra fid-dinja kollha qed jaħdmu fuq dawn il-kwistjonijiet.

Fl-aħħar nett, ippermettili ngħid li trasparenza mtejba u komunikazzjoni aktar effiċjenti tar-riskji għall-konsumaturi (fosthom aktar kompetenza finanzjarja) jistgħu jappoġġjaw ukoll teħid ta' deċiżjonijiet aktar infurmat fil-qasam tal-finanzjament u mġiba aktar attenta tal-klijenti f'dan il-qasam.

20. *X'taħseb li huma l-objettivi l-aktar importanti għall-istrateġija għat-tkabbir u l-impjieg sal-2020? Il-BĊE u l-istrumenti ta' koordinament tal-politika ekonomika kif jistgħu jikkontribwixxu għas-suċċess ta' din l-istrateġija? Jekk jogħġbok elenka skont l-importanza r-riformi strutturali li temmen li huma prijorità fl-UE u agħti raġunijiet*

*għall-għażliet tiegħek.*

L-Ewropa jeħtiġilha ssaħħaħ il-kundizzjonijiet ewlenin biex tikseb u żżomm livelli għoljin ta' tkabir ekonomiku fit-tul. Dan jirrikjedi l-kundizzjonijiet xierqa għall-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-kapital uman. Tinħtieġ produttività ogħla, mhux biss biex jogħlew l-istandards tal-għajxien tagħna iżda anke biex il-finanzi pubbliċi jsiru sostenibbli, filwaqt li jitqies ukoll l-impatt ta' pololazzjoni li qed tixjieħ, kif ukoll biex ikun jista' jsir użu aktar effiċjenti tar-riżorsi naturali u l-enerġija filwaqt li jitħares l-ambjent tagħna.

Sabiex dawn l-objettivi jintlaħqu, l-Ewropa trid tiffaċilita l-avvanzi fit-tkabbir tal-produttività u tħaffef ir-ristrutturazzjoni ekonomika u l-investiment ekonomiku. Għalhekk, l-għan ta' riformi strutturali sostanzjali għandu jkun li terġa' tiddaħħal il-kompetittività, it-tisħiħ tal-edukazzjoni, it-taħriġ għall-impjieg u r-riċerka, kif ukoll li jiżdiedu l-inċentivi għax-xogħol u l-impjieg; jeħtieġ li jiġu implimentati urġentement.

It-tneħħija tar-riġiditajiet nominali u reali tas-suq tax-xogħol kif ukoll ta' politiki li jimmoderaw iż-żieda fis-salarji tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal inqas qgħad strutturali fis-snin li ġejjin. Dawn il-miżuri għandhom ikunu akkumpanjati minn politiki li jtejbu l-kompetizzjoni nazzjonali u transkonfinali fis-swieq tal-prodotti. F'dan ir-rigward, id-Direttiva dwar is-servizzi trid tiġi implimentata għalkollox biex tissaħħaħ il-kompetizzjoni transkonfinali fis-servizzi u biex isir aktar progress fl-ilħuq tal-objettiv ta' Suq Uniku.

Ir-riformi strutturali għandhom jiġu appoġġjati wkoll b'konsolidament tas-settur finanzjarju. Barra minn hekk, karti tal-bilanċ sodi, ġestjoni tar-riskju effikaċi u mudelli kummerċjali trasparenti u sodi għadhom importanti ferm għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-banek għax-xokkijiet kif ukoll biex ikun żgurat l-aċċess xieraq għall-finanzi, biex b'hekk jitqiegħdu l-pedamenti għat-tkabbir sostenibbli u l-istabbiltà finanzjarja.

Sorveljanza mtejba u msaħħa tal-politiki tal-Istati Membri, inkluż il-mekkaniżmu propost ġdid ta' sorveljanza makroekonomika, hija essenzjali għas-suċċess tal-Istrateġija UE 2020. Nemmen li l-BĊE jikkontribwixxi l-aħjar għall-ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita t-tkabbir billi jiżgura l-istabbiltà tal-prezzijiet, u billi jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-qafas għall-istabbiltà finanzjarja fl-Ewropa.

21. *X'inhi l-opinjoni tiegħek rigward il-pass li bih l-Istati Membri Ġodda għandhom jissieħbu fl-unjoni monetarja u jadottaw l-euro, meta jitqiesu l-kriterji ta' konverġenza kollha u l-parteċipazzjoni fil-mekkaniżmu tar-rati tal-kambju (ERM II)? X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar il-futur tal-unjoni monetarja Ewropea fuq perjodu twil ta' żmien u x'inhuma l-isfidi futuri ewlenin, speċjalment fid-dawl tad-diffikultajiet attwali?*

Bl-iffirmar tat-Trattat, l-Istati Membri li saru membru tal-UE mill-2004 'l quddiem impenjaw ruħhom li jadottaw l-euro. Il-qafas ta' konverġenza, kif stabbilit fit-Trattat u l-Protokoll, jistipula li l-Istati Membri jistgħu jadottaw l-euro ladarba jkunu laħqu livell għoli ta' konverġenza sostenibbli. Il-kriterji ta' konverġenza huma l-punt ta' referenza li skontu l-BĊE u l-Kummissjoni jivvalutaw dan. L-għażla taż-żmien tal-adozzjoni tal-euro jiddependi minn kemm l-Istati Membri jilħqu malajr livell għoli ta' konverġenza sostenibbli u din l-għażla ta' żmien tvarja bejn il-pajjiżi. Matul l-applikazzjoni tal-ERM II, li tippreċedi l-adozzjoni tal-euro, l-Istati Membri għandhom juru li jistgħu jżommu l-istabbiltà tal-prezzijiet, id-dixxiplina

fiskali u l-kompetittività fl-istess ħin mingħajr bidliet kbar fir-rata tal-kambju.

Waħda mit-tagħlimiet misluta mill-kriżi hija li l-qafas ta' governanza ekonomika tal-EMU jrid jissaħħaħ b'mod sinifikanti. Min ifassal il-politika fil-pajjiżi taż-żona tal-euro jrid jirrealizza li l-parteċipazzjoni fiż-żona tal-euro għandha implikazzjonijiet għall-politiki ekonomiċi mwettqa fil-livell tal-pajjiżi. Prijorità ewlenija hija qafas ta' governanza ekonomika li jgħin biex jiġu żgurati l-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi fiskali u makroekonomiċi. Tali qafas jipprovdi l-prekundizzjonijiet għat-tkabbir sostenibbli u l-istabbiltà finanzjarja fiż-żona tal-euro kollha.

Għalhekk jiena wkoll tal-fehma li l-proposti għal qafas ta' governanza ekonomika aktar b'saħħtu sal-lum mhumiex biżżejjed. Neħtieġu proċeduri ta' sorveljanza aktar awtomatiċi, inkluż il-qafas il-ġdid ta' sorveljanza makroekonomika li qed jiġi diskuss attwalment. Jiena inkoraġġut mill-fatt li anke l-Parlament Ewropew wera aktar ambizzjoni fl-approċċ tiegħu, partikolarment fir-riward ta' awtomatiċità akbar u tal-użu usa' u aktar f'waqtu tas-sanzjonijiet. Fil-fehma tiegħi, jagħmel sens ukoll li s-sorveljanza makroekonomika tqiegħed enfasi ċara fuq il-pajjiżi taż-żona tal-euro b'defiċits kbar attwali fil-kontijiet, b'telf sinifikanti ta' kompetittività u b'livelli għoljin ta' dejn pubbliku u privat.

22. *X'inhi l-fehma tiegħek dwar it-tassazzjoni tat-tranżazzjonijiet finanzjarji fuq perjodu qasir ta' żmien? Taħseb li taxxa fuq it-tranżazzjoni tal-muniti hija kompatibbli mat-Trattati tal-UE li jiggarantixxu l-libertà tal-moviment tal-kapital? Taħseb li taxxa fuq it-tranżazzjonijiet tal-muniti li jinvolvu l-euro jista' jkollha effetti ta' benefiċċju – pereżempju billi tistabbilizza r-rati tal-kambju ta' pajjiżi li jixtiequ jissieħbu fiż-żona tal-euro fil-futur?*

Jiena xettiku rigward it-tassazzjoni tat-tranżazzjonijiet finanzjarji.

L-ewwel nett, niddubita li għandha benefiċċji. Billi żżid il-kostijiet tat-tranżazzjoni, taxxa bħal din tnaqqas il-likwidità tas-swieq. Bil-kuntrarju tat-tamiet ta' wħud li qed jipproponuha, taxxa fuq it-tranżazzjonijiet tista' probabbilment iżżid, pjuttost milli tnaqqas, il-volatilità. Barra minn hekk, taxxa bħal din taffettwa wkoll it-tranżazzjonijiet kummerċjali mhux spekulattivi, speċjalment fi proċessi tal-produzzjoni moderni li jinvolvu għadd kbir ta' fornituri u sottokuntratturi internazzjonali. Tranżazzjoni unika marbuta mal-kummerċ fis-swieq tal-kambju x'aktarx li tagħti bidu għal għadd ta' tranżazzjonijiet relatati, billi n-negozjanti jqassmu mill-ġdid il-bilanċi tal-ordnijiet bejniethom. Jekk kull tranżazzjoni individwali tiġi ntaxxata, il-kost tal-kummerċ jista' jiżdied b'mod sinifikanti kemm għall-importaturi kif ukoll għall-esportaturi.

It-tieni, l-implimentazzjoni ta' taxxa bħal din tinvolvi diffikultajiet prattiċi enormi. Jekk ma tiġix adottata fid-dinja kollha, taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji fuq perjodu qasir ta' żmien kważi ċertament twassal biex is-swieq tal-kambju jmorru "offshore". Jekk wieħed jipprova jeżenta l-flussi mhux spekulattivi, dan ukoll iwassal għal għadd ta' kumplikazzjonijiet oħra fid-distinzjoni bejn it-tranżazzjonijiet. B'mod aktar ġenerali, jista' jwassal għal attività ta' strutturar tat-taxxi mfassal biex titnaqqas ir-responsabbiltà tal-parteċipanti fis-swieq, li x'aktarx li jnaqqas it-trasparenza tas-swieq. Jiena preokkupat ukoll dwar il-kompatibbiltà mat-Trattati tal-UE, u ninnota li l-BĊE qajjem mistoqsijiet legali dwar dan f'opinjoni uffiċjali.

Għal dawn ir-raġunijiet ukoll ma naħsibx li taxxa bħal din tkun ta' benefiċċju għall-pajjiżi li jridu jadottaw l-euro. Rati tal-kambju stabbli għandhom pjuttost jinkisbu permezz ta' politiki makroekonomiċi sodi u permezz tal-Mekkaniżmi Ewropej eżistenti tar-Rati tal-Kambju.

*23. X'inhi l-fehma tiegħek dwar ir-rwoli rispettivi tal-Kunsill u l-BĊE fir-rigward tar-rappreżentanza esterna taż-żona tal-euro?*

Fiż-żona tal-euro, il-politika monetarja hija kompetenza tal-Unjoni. Għalhekk, ir-rappreżentanza esterna tagħha hija żgurata minn istituzzjoni tal-Unjoni, il-BĊE. Il-BĊE jirrappreżenta wkoll il-kompiti l-oħra tal-Eurosistema f'istituzzjonijiet u fora internazzjonali. Raġunament simili japplika għall-politika tar-rata tal-kambju tal-euro, li kemm il-BĊE kif ukoll il-Kunsill huma responsabbli għaliha u li hija rappreżentata b'mod konġunt miż-żewġ istituzzjonijiet fil-livell internazzjonali.

Il-politiki ekonomiċi huma fil-biċċa l-kbira responsabbiltà nazzjonali, imwettqa f'qafas Ewropew. Għaldaqstant, ir-rappreżentanza esterna tal-politiki ekonomiċi taqa' primarjament fuq l-Istati Membri, li għandhom ukoll responsabbiltà finanzjarja b'rabta mas-sħubija tagħhom f'istituzzjonijiet u fora internazzjonali. Sadattant, l-Istati Membri jridu jikkoordinaw mill-qrib mal-istituzzjonijiet kompetenti tal-Unjoni kull meta suġġett ikun parzjalment, jew għalkollox, kompetenza tal-Unjoni.

Madankollu, hekk kif il-Membri jsaħħu l-pilastru ekonomika tal-UEM fil-futur, jistgħu jiksbu rappreżentanza aktar koordinata tal-politiki tagħhom fil-livell internazzjonali, b'mod partikolari għaż-żona tal-euro, peress li l-qafas koordinat imsaħħaħ għall-politiki ekonomiċi jkun aktar strett għall-pajjiżi li jaqsmu l-istess munita.

Triq 'il quddiem għaż-żona tal-euro hija li jintuża l-Artikolu 138 tat-TFUE, li jippermetti lill-pajjiżi taż-żona tal-euro jadottaw "pożizzjonijiet komuni dwar materji ta' interess partikolari għall-UEM" u "jiżguraw rappreżentanza magħquda fl-istituzzjonijiet u l-konferenzi finanzjarji internazzjonali". Għal dawn ir-raġunijiet, personalment nifhem il-merti tal-fatt li din l-għażla tiġi studjata aktar, li naturalment fl-aħħar mill-aħħar hija kwistjoni politika għall-Istati Membri.

*24. Kif tivvaluta l-evoluzzjoni riċenti tar-rata tal-kambju USD/EUR?*
*Kif tivvaluta l-evoluzzjoni riċenti tar-rata tal-kambju Renminbi/EUR? Taħseb li l-Banek Ċentrali kapaċi jiġġieldu b'mod effiċjenti kontra l-volatilità eċċessiva? Taħseb li r-rwol internazzjonali tal-euro għandu jitħeġġeġ?*

B'konformità mal-pożizzjoni tal-President tal-BĊE, nippreferi wkoll ma nikkumentax dawr ir-rati tal-kambju. Madankollu, naqbel għalkollox mal-valutazzjoni tal-President Trichet, mas-Segretarju tat-Teżor tal-Istati Uniti, Geithner, u mal-President tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Federal Reserve System, Bernanke, li dollaru stabbli u sod vis-à-vis muniti ewlenin li jvarjaw huwa fl-interess tal-Istati Uniti u tal-ekonomija globali.

Mindu waqaf l-irbit de facto tiegħu mad-USD f'Ġunju 2010, ir-renminbi apprezza bi kważi 5% meta mqabbel mad-dollaru Amerikan, iżda ddeprezza b'aktar minn 8% meta mqabbel mal-euro u bi kważi 4% f'termini effettivi nominali (mill-24 ta' Mejju 2011). Ninkoraġġixxu lill-awtoritajiet Ċiniżi jużaw il-flessibbiltà offruta mill-qafas politiku ġdid biex ir-renminbi

jkun jista' japprezza gradwalment f'termini effettivi. Il-komunità internazzjonali taqbel – kif reġa' ġie ddikjarat mill-Kapijiet tal-G20 fis-Summit tagħhom f'Seoul is-sena l-oħra – li t-triq lejn sistemi ta' rati tal-kambju aktar determinati mis-swieq, it-tisħiħ tal-istabbiltà tar-rati tal-kambju biex tirrifletti prinċipji ekonomiċi ta' bażi, u l-fatt li ma jsirx żvalutar kompetittiv tal-muniti, huma fl-interess tal-ekonomiji emerġenti konċernati, inkluża ċ-Ċina, kif ukoll tal-komunità internazzjonali.

Flimkien mal-awtoritajiet tal-muniti ewlenin l-oħra li jvarjaw, għandna interess komuni f'sistema finanzjarja internazzjonai stabbli u soda. Ir-rati tal-kambju għandhom jirriflettu l-prinċipji ekonomiċi. Volatilità żejda u ċaqliq bla ordni fir-rati tal-kambju għandhom implikazzjonijiet negattivi għall-istabbiltà ekonomika u finanzjarja. Dan jimplika t-tkomplija tal-monitoraġġ mill-qrib tas-swieq tal-kambju, u l-kooperazzjoni kif ikun xieraq.

It-testi akkademiċi juru li, f'ċirkustanzi straordinarji, il-kooperazzjoni fil-forma ta' pereżempju interventi fis-swieq tal-kambju tista' tkun effikaċi jekk u meta tali interventi jkunu koordinati, b'mod konsistenti mal-prinċipji u l-komunikazzjoni uffiċjali, u jitwettqu meta d-daqs tal-allinjament mhux korrett tar-rati tal-kambju jkun relattivament kbir. F'dan ir-rigward, interventi koordinati mill-G7 (pereżempju, fl-2000 fuq l-euro; jew fl-2011 fuq il-yen) jitqiesu b'mod wiesa' li rnexxew.

Rigward ir-rwol internazzjonali tal-euro, naqbel mal-pożizzjoni newtrali adottata mill-BĊE fl-1999, li la jipprova jostakola u lanqas jipprova jħeġġeġ l-użu internazzjonali. Din il-pożizzjoni politika għadha għalkollox valida billi l-użu internazzjonali tal-muniti għandu jkun ir-riżultat ta' proċess immexxi mis-suq li fih l-aġenti ekonomiċi barranin jiddeċiedu jekk munita hijiex ħażna attraenti ta' valur. Billi jwettqu politika monetarja orjentata lejn l-istabbiltà u billi jħeġġu l-integrazzjoni finanzjarja fl-Ewropa, il-BĊE u l-Eurosistema jistgħu jikkontribwixxu indirettament għall-użu internazzjonali tal-euro li sar it-tieni munita ta' riżerva l-aktar importanti fid-dinja.

25. *Kif tivvaluta l-kisbiet tal-G20? X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar il-livell attwali ta' koordinament?*

Il-G20 kellu rwol kruċjali fl-għoti ta' impetu politiku ta' livell għoli għat-trażżin tal-kriżi, il-ġestjoni tal-kriżi u l-prevenzjoni ta' kriżi fil-futur. Il-koeżjoni tal-G20 trid tibqa' tiġi żgurata, hekk kif noħorġu mill-kriżi, tal-anqas biex ikun żgurat li l-politiki li kien hemm qbil dwarhom sal-lum jiġu implimentati b'mod konsistenti u bis-sħiħ. Għalhekk huwa tajjeb ferm li l-Kapijiet tal-G20 jenfasizzaw l-importanza ta' kooperazzjoni politika internazzjonali kontinwa biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-kriżi finanzjarja u biex jitqiegħdu l-pedamenti għal tkabbir ekonomiku globali sod. Billi attendejt ħafna laqgħat tal-Ministri tal-Finanzi u l-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali tal-G20, kif ukoll is-Summits, irrid ngħid li l-livell għoli ta' responsabbiltà kollettiva min-naħa tal-membri tal-G20 iqawwili qalbi.

Fost id-diversi punti fl-aġenda tal-G20, nenfasizza dawn:

L-ewwel nett, il-Qafas tal-G20 għal Tkabbir b'Saħħtu, Sostenibbli u Bilanċjat huwa mekkaniżmu ewlieni fil-kooperazzjoni multilaterali. L-għan ta' dan il-qafas huwa li jgħin il-ġestjoni tat-tranżizzjoni minn reazzjoni għall-kriżi għal xejra soda, sostenibbli u bilanċjata ta' tkabbir globali, kif ukoll li jittratta l-iżbilanċi globali li kkontribwew għall-kriżi finanzjarja.

Issa huwa importanti li l-membri kollha tal-G20 jonoraw għalkollox l-impenji li ħadu fi ħdan il-qafas. F'dan ir-rigward, miżuri sodi biex jissalvagwardjaw is-sostenibbiltà fiskali u riformi strutturali ambizzjużi huma fundamentali.

It-tieni, il-Kapijiet tal-G20 approvaw il-pedamenti ewlenin għat-trasformazzjoni tas-sistema finanzjarja, inkluża l-ħidma li saret mill-Kumitat ta' Basel u l-FSB. Issa huwa kruċjali li l-membri tal-G20 jimplimentaw b'mod konsistenti u bis-sħiħ il-ftehimiet milħuqa u li jagħtu l-eżempju fir-rigward tal-fatt li jonoraw l-impenji meħuda. Qed issir ħidma fil-livelli nazzjonali u reġjonali biex jiġu implimentati l-objettivi tal-G20 u r-rakkomandazzjonijiet konkreti, dettaljati u ambizzjużi tal-FSB għat-tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja, u dan diġà qed jagħti r-riżultati. Iżda fadal kompiti importanti, inter alia biex jiġu implimentati għalkollox l-standards ġodda Basel III tal-likwidità u l-kapital tal-banek, biex jiġu indirizzati istituzzjonijet finanzjarji sistemikament importanti, kif ukoll biex jissaħħu l-monitoraġġ u r-regolazzjoni tas-sistema bankarja "parallela". Oqsma importanti oħra jinkludu t-titjib tar-robustezza u t-trasparenza tas-swieq tad-derivati OTC u tas-swieq tal-komoditajiet, l-iżvilupp ta' oqfsa u għodda makroprudenzjali u l-ksib ta' konverġenza rigward standards imsaħħa tal-kontabbiltà.

It-tielet, qed isiru sforzi importanti biex jissaħħaħ il-funzjonament tas-Sistema Monetarja Internazzjonali. Bdiet ħidma inter alia fuq it-tfassil ta' approċċi u miżuri koerenti biex jiġu ttrattati flussi ta' kapital potenzjalment destabilizzanti kif ukoll il-ġestjoni tal-likwidità globali. Rigward il-qasam tal-flussi ta' kapital, nenfasizza li, bħala regola, kontrolli temporanji tal-influssi ta' kapital għandhom jitqiesu bħala strument politiku ta' emerġenza u mhux bħala sostitut għal miżuri makroekonomiċi, makroprudenzjali u strutturali sodi. Biex jiġu limitati d-distorsjonijiet u l-esternalitajiet negattivi tal-kontrolli ta' kapital, huwa tassew importanti li tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali, pereżempju billi jintlaħaq ftehim dwar il-prinċipji u l-aħjar prassi. Fir-rigward tal-ġestjoni tal-likwidità globali, nenfasizza li jkun tajjeb li jsiru sforzi biex nifhmu aħjar l-interkonnessjonijiet finanzjarji. Madankollu, kwalunkwe mekkaniżmu biex tiġi inkanalata l-likwidità transkonfinali ma jaħdimx mingħajr il-kooperazzjoni diretta jew indiretta tal-banek ċentrali, billi huma biss dawn li għandhom il-ħila jipprovdu l-ammonti meħtieġa ta' likwidità. F'dak il-kuntest, il-banek ċentrali ma jistgħux, u m'għandhomx, jimpenjaw ruħhom ex ante li jipprovdu likwidità internazzjonali waqt kriżi.

## C. Stabbiltà u superviżjoni finanzjarji

*26. X'tirrakkomanda biex jissaħħu r-rabtiet bejn is-superviżjoni makro u mikro? Temmen li l-BERS u l-ASE se jkollhom setgħat effettivi?*

L-interazzjoni u l-koordinazzjoni bejn is-superviżjoni mikroprudenzjali u makroprudenzjali huma żgurati mill-istruttura interistituzzjonali tal-BERS fejn l-ASE huma rappreżentati permezz tal-Presidenti tagħhom bħala membri bid-dritt tal-vot. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni bejn il-BERS u l-ASE (u aktar ġeneralment is-superviżuri nazzjonali) hija żgurata bil-provvediment fil-leġiżlazzjoni ta' dmir wiesa' ta' kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni bejn il-komponenti tas-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (SESF[1]).

Il-kooperazzjoni bejn is-superviżuri makro u mikro tkun partikolarment kruċjali billi huwa

[1] Il-BERS u l-ASE, flimkien mas-superviżuri finanzjarji nazzjonali u l-Kumitat Konġunt tal-ASE, jiffurmaw is-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (SESF).

mistenni li s-superviżjoni makroprudenzjali tiġi implimentata l-iktar permezz ta' strumenti ta' superviżjoni u regolamentazzjoni prudenzjali. Għalhekk, l-implimentazzjoni tal-mandat makroprudenzjali mogħti lill-BERS jeħtieġ koordinazzjoni xierqa mal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali li jkunu d-destinatarji tar-rakkomandazzjonijiet tal-BERS. F'dan il-kuntest, ir-rwol tal-ASE se jkollu importanza partikolari, billi ngħataw il-mandat mill-qafas leġiżlattiv biex jiżguraw is-segwitu xieraq għat-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-BERS.

Rigward il-BERS, il-qafas legali jagħtih is-setgħa joħroġ twissijiet ta' riskju u rakkomandazzjonijiet politiċi. Dan jaffettwa ħafna r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp De Larosière għall-istabbiliment ta' korp responsabbli għas-superviżjoni makroprudenzjali, abbażi tal-kompetenza u l-esperjenza tal-BĊE, il-banek ċentrali nazzjonali u s-superviżuri nazzjonali.

Wara li ġie stabbilit legalment fis-16 ta' Diċembru 2010, il-BERS diġà kellu żewġ laqgħat tal-Bord Ġenerali tiegħu, stabbilixxa l-kumitati konsultattivi tiegħu u issa huwa operattiv għalkollox. Il-BĊE ġie fdat mill-qafas leġiżlattiv bl-għoti ta' appoġġ analitiku, statistiku, loġistiku u amministrattiv lill-BERS. F'dan il-kuntest, il-BĊE qed jagħmel ħiltu biex itejjeb il-kapaċità u l-għodda analitika tiegħu biex iwettaq analiżi tar-riskju sistemiku. B'mod aktar speċifiku, ir-rwol tal-BĊE li jappoġġja l-BERS (minbarra li jipprovdi s-Segretarjat) huwa kif ġej:

- Il-BĊE jipprovdi *prodotti regolari* lill-BERS għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskju sistemiku tal-UE billi jiddependi fuq l-organizzazzjoni adottata għat-twettiq tal-kompiti tal-BĊE rigward l-istabbiltà finanzjarja;
- Il-kontribut regolari tal-BĊE ikun appoġġjat minn: (i) *infrastruttura analitika* li tiżviluppa u żżomm għodda u metodoloġiji analitiċi għall-analiżi tar-riskju sistemiku; (ii) *infrastruttura għal data makroprudenzjali* skont il-funzjoni statistika tal-BĊE; u (iii) netwerks *ta' intelliġenza dwar is-swieq* li jridu jiġu żviluppati.

Is-suċċess tal-BERS jiddependi b'mod kruċjali mid-disponibbiltà ta' informazzjoni f'waqtha u ta' kwalità għolja li tippermetti s-superviżjoni makroprudenzjali. Dan jirrikjedi kollaborazzjoni mill-qrib bejn il-BERS, it-tliet ASE, il-BĊE u l-awtoritajiet (superviżorji) u l-banek ċentrali nazzjonali rilevanti. L-iskambju ta' informazzjoni jkun meħtieġ l-aktar f'forma aggregata (kull meta possibbli b'miżuri ta' dispersjoni) fuq bażi regolari (normalment kull tliet xhur) jew fil-livell tal-istituzzjonijiet individwali u, wara r-Regolament BERS (Artikolu 15), jista' jsir biss fuq bażi ad-hoc. Il-kooperazzjoni u l-qsim ta' informazzjoni ma' ġuriżdizzjonijiet oħra u korpi simili fid-dinja kollha jkunu importanti wkoll.

Rigward il-pilastru mikroprudenzjali tal-qafas istituzzjonali tal-UE, l-ASE ġew allokati ġabra sinifikanti ta' kompetenzi, marbuta mat-tfassil tar-regoli, l-infurzar tar-regoli u l-koordinazzjoni tas-superviżjoni b'għadd ta' għodod effikaċi biex iwettqu dawn il-kompiti. L-ewwel nett, rigward it-tfassil tar-regoli, l-ASE jistgħu joħorġu standards tekniċi għar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni finanzjarji, li jew jistgħu jsiru vinkolanti permezz tal-adozzjoni mill-Kummissjoni, inkella jista' jkollhom il-karatteristika ta' liġi mhux vinkolanti. Permezz ta' din l-għodda l-ASE mistennija jistabbilixxu ktieb ta' regoli tal-UE, biex b'hekk jiġu indirizzati l-lakuni ewlenin imsemmija hawn fuq tal-qafas attwali, partikolarment id-diverġenzi eżistenti bejn il-pajjiżi f'elementi regolatorji ewlenin.

It-tieni, l-ASE għandhom jiżguraw li r-regoli superviżorji jiġu applikati b'mod konsistenti. Għal dan il-għan, l-ASE jingħataw setgħa effikaċi ħafna, jiġifieri l-possibbiltà li jieħdu deċiżjonijiet vinkolanti fir-rigward tas-superviżuri nazzjonali jew (fil-każ ta' nonkonformità min-naħa tagħhom) anke fir-rigward ta' istituzzjonijiet finanzjarji speċifiċi f'xi każijiet speċifiċi, meta dan ikun ġustifikat minn kunsiderazzjonijiet ta' stabbiltà finanzjarja. Tali setgħat importanti (soġġetti għal proċedura speċifika) jistgħu jintużaw biex jiġu indirizzati b'mod partikolari (i) il-ksur tal-liġi tal-UE mis-superviżuri; (ii) in-nuqqas ta' ftehim bejn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali f'sitwazzjonijiet transkonfinali; u (iii) meta l-Kunsill jiddikjara sitwazzjoni ta' emerġenza. Fl-aħħar żewġ każijiet, is-setgħat tal-ASE huma soġġetti għall-"klawżola fiskali" importanti stipulata bl-Artikolu 38 tar-Regolament ASE, sakemm is-setgħat tal-ASE ma jistgħux jaffettwaw ir-responsabbiltajiet fiskali nazzjonali. Fl-aħħar nett, ninnota li l-ASE ma jiġu allokati l-ebda għodda speċifika fir-rigward tal-ġestjoni u r-riżoluzzjoni ta' kriżi.

Mil-lat tal-BĊE huwa importanti ħafna li jiġu enfasizzati fuq perjodu qasir ta' żmien l-isfidi ewlenin segwenti għall-ASE:

1) id-definizzjoni tal-qafas operattiv rigward il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni tal-ASE mal-BERS flimkien ma' dan tal-aħħar u l-BĊE.

2) it-tlestija ta' sistema kredibbli ta' testijiet tal-istress.

Fuq perjodu medju ta' żmien, sfida ewlenija, kif enfasizzat mill-President tal-BĊE u l-Viċi President tal-BERS waqt is-smigħ tagħhom fil-Parlament Ewropew, tista' tkun ir-reżistenza tas-settur finanzjarju nnifsu għaż-żieda fir-regolazzjoni, u għalhekk għal miżuri regolatorji li joriġinaw mis-setgħat tal-ASE jew minn rakkomandazzjonijiet għal interventi regolatorji fformulati mill-BERS.

*27. Fir-rigward tal-BERS, tara kunflitt ta' interess potenzjali mal-mandat tal-BĊE b'rabta mal-politika monetarja?*

Ir-responsabbiltajiet politiċi tal-BĊE u tal-BERS huma distinti b'mod ċar. Kif taf sew, l-għan ewlieni tal-BĊE huwa li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro. Barra minn hekk, jikkontribwixxi għat-"twettiq bla xkiel tal-poltiki tal-awtoritajiet kompetenti rigward... l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja" u jippromwovi l-funzjonament bla intoppi tal-infrastrutturi tas-suq. Min-naħa l-oħra, il-BERS li għadu kif ġie stabbilit huwa responsabbli b'mod importanti għas-superviżjoni makroprudenzjali fis-sistema finanzjarja kollha tal-UE, filwaqt li jidentifika r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja u joħroġ xi twissijiet u rakkomandazzjonijiet meħtieġa għal azzjoni sabiex jiġu indirizzati dawn ir-riskji.

Madankollu, huwa ċar li l-istabbiltà tal-prezzijiet u l-istabbiltà finanzjarja ma jistgħux jiġu analizzati indipendentement minn xulxin. Fuq perjodu twil ta' żmien, l-istabbiltà tal-prezzijiet tikkontribwixxi għall-istabbiltà finanzjarja, filwaqt li l-istabbiltà finanzjarja hija prerekwiżit għall-abbiltà tal-bank ċentrali li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet. Għaldaqstant, l-objettivi tal-BĊE u tal-BERS isaħħu lil xulxin. Tabilħaqq, filwaqt li jiġi rispettat għalkollox ir-rwol tal-BERS bħala l-korp responsabbli għall-politika makroprudenzjali tal-UE, ikun importanti li jkun hemm djalogu bejn iż-żewġ korpi dwar kwistjonijiet politiċi li jistgħu jaffettwaw ir-riskju sistemiku.

Jiena fiduċjuż bis-sħiħ li l-indipendenza istituzzjonali tal-BĊE u l-BERS tiżgura li l-istrumenti politiċi rispettivi jkunu mmirati lejn l-objettivi li għalihom tfasslu.

*28. Kif tara r-rwol tal-BĊE fis-superviżjoni bankarja fil-futur?*

Ir-rwol tal-BĊE fis-superviżjoni finanzjarja huwa definit ċarament mit-Trattat f'termini tal-kontribut lit-twettiq bla xkiel tal-politiki tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-qasam tas-superviżjoni bankarja u l-istabbiltà finanzjarja. Barra minn hekk, it-Trattat jagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li jassenjaw lill-BĊE kompiti speċifiċi li jikkonċernaw politiki marbuta mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet finanzjarji u tal-kreditu. Din il-possibbiltà ġiet sfruttata pereżempju bl-għoti lill-BĊE tar-responsabbiltà li jipprovdi appoġġ analitiku, statistiku, loġistiku u amministrattiv lill-BERS.

Nappoġġja l-qafas istituzzjonali ġdid tal-UE li jiffoka fuq il-BERS u l-ASE u nistenna li l-interazzjoni bla xkiel u l-funzjonament effikaċi taż-żewġ pilastri tiegħu, kif ukoll is-superviżjoni makroprudenzjali u mikroprudenzjali, jipprovdu qafas effikaċi biex tiġi promossa l-istabbiltà finanzjarja fl-UE.

*29. Liema huma l-kwistjonijiet fil-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji li l-aktar jidhrulek urġenti?*

Taħt l-awspiċju tal-G20, il-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja, li għandi l-unur nippresiedi, għamel ammont konsiderevoli ta' xogħol. Madankollu, kemm f'livell internazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew, fadal ħafna xogħol x'isir. Ippermettili nsemmi erba' kwistjonijiet li dwarhom ix-xogħol jeħtieġ ikompli b'pass mgħaġġel.

L-ewwel nett, rigward Basel III, l-isfida ewlenija li jmiss hija implimentazzjoni sħiħa, konsistenti u f'waqtha tal-qafas il-ġdid, kif ukoll valutazzjoni aktar kompleta ta' wħud mill-miżuri ġodda u aġġustamenti possibbli għalihom, bħall-proporzjon ta' ingranaġġ u l-istandards tal-likwidità, matul il-perjodu ta' osservazzjoni. Aġġustamenti għal dawn il-miżuri jkunu bbażati fuq l-informazzjoni miġbura matul il-perjodu ta' osservazzjoni, u jindirizzaw kull konsegwenza mhux intiża għall-banek individwali, is-settur bankarju, is-suq finanzjarju u l-ekonomija kollha kemm hi. Barra minn hekk, sabiex jinħolqu kundizzjonijiet indaqs u jiġi evitat l-arbitraġġ regolatorju, kemm globalment kif ukoll fl-UE, huwa importanti li Basel III jiġi traspost konsistentement u bis-sħiħ fil-leġiżlazzjoni u r-regolamentazzjoni nazzjonali (fl-Ewropa permezz tad-DRK IV), kemm fit-termini kif ukoll fl-ispirtu. Ninnota, b'referenza għal diskussjonijiet riċenti dwar l-abbozz ta' test tad-DRK IV, li Basel III jistabbilixxi standards minimi li l-pajjiżi jkunu jistgħu jtejbu.

It-tieni, rigward l-istituzzjonijiet finanzjarji sistemikament importanti, il-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja u l-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja impenjaw ruħhom li jagħtu lis-Summit tal-G20 ta' Novembru rakkomandazzjonijiet, għal approvazzjoni, dwar l-identifikazzjoni ta' G-SIFIs, kif ukoll il-livell xieraq ta' assorbenza ta' telf addizzjonali u miżuri biex jittejbu l-għodda u s-sistemi ta' riżoluzzjoni. Huwa kruċjali li dawn jiġu implimentati b'mod internazzjonalment konsistenti, u li l-FSB jistabbilixxi Kunsill ta' Evalwazzjoni bejn il-Pari biex jimmonitorja dan.

It-tielet, l-iżvilupp ta' qafas konsistenti ta' ġestjoni u riżoluzzjoni ta' kriżi li jista' jindirizza b'mod kredibbli l-istituzzjonijiet transkonfinali huwa kruċjali jekk irridu naffrontaw il-kriżijiet fil-futur b'mod effikaċi. F'dan il-kuntest, il-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni Ewropea dwar qafas ta' ġestjoni ta' kriżi li mistennija titressaq fil-ħarifa, tikkostitwixxi avveniment importanti. Rigward l-iżvilupp ta' qafas ta' riżoluzzjoni, huwa essenzjali li jintlaħaq ftehim dwar ġabra komprensiva ta' setgħat u arranġamenti ta' finanzjament kredibbli li jevitaw id-dipendenza mill-baġits tal-istat. Filwaqt li hemm qbil fil-livell internazzjonali rigward l-għodda ta' riżoluzzjoni l-aktar effikaċi f'kuntest nazzjonali, l-FSB attwalment qed jaħdem aktar fuq rakkomandazzjonijiet biex jiġu indirizzati kwistjonijiet transkonfinali, u fuq l-analiżi tal-potenzjal għal dejn "bail-inable" minn perspettivi differenti (i.e. ir-rikapitalizzazzjoni jew l-assorbiment tat-telf minn detenturi ta' dejn subordinarju jew "senior").

Fl-aħħar nett, huwa vitali li jitkompla x-xogħol fuq it-tisħiħ tas-sorveljanza fuq dak li huwa magħruf bħala "sistema bankarja parallela". Huwa importanti li nifhmu aħjar il-katina kumplessa ta' attivitajiet u entitajiet involuti fl-intermedjazzjoni tal-kreditu barra s-settur bankarju rregolat u konsegwentement li nivvalutaw l-adegwatezza tal-qafas regolatorju attwali u li nidentifikaw oqsma li jqajmu preokkupazzjonijiet fir-rigward tar-riskju sistemiku li jkunu barra l-perimetru tal-attivitajiet bankarji regolati.

Fir-rigward ta' dan kollu, ma jirnexxilniex nonoraw l-impenn tagħna favur sistema finanzjarja aktar reżiljenti, u r-responsabbiltà kollettiva tagħna għaliha, jekk l-implimentazzjoni tar-riformi miftiehma ma ssirx b'mod konsistenti fil-ġuriżdizzjonijiet ewlenin kollha. L-Istati Uniti u l-UE għandhom responsabbiltà speċjali f'dan ir-rigward. Ikun ġudizzju ħażin ferm min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali li jippermettu l-interessi nazzjonali jdgħajfu l-implimentazzjoni tar-riformi globali meħtieġa biex jiġu evitati kriżijiet futuri.

## <u>D. Il-funzjonament tal-BĊE u r-responsabbiltà demokratika u t-trasparenza</u>

*30. Ir-resposnabbiltajiet differenti tal-membri tal-Bord m'għandhomx jinbidlu biż-żmien, bi qbil mat-tibdiliet li seħħew fil-kompiti u l-prijoritajiet tal-BĊE?*

Ir-responsabbiltajiet tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE huma stipulati fl-Artikolu 12 tal-Istatut tal-SEBĊ u tal-BĊE ("l-Istatut") li jassenjalu l-kompiti tal-implimentazzjoni tal-politika monetarja skont id-deċiżjonijiet stipulati mill-Kunsill Governattiv, u tat-tħejjija tal-laqgħat tal-Kunsill Governattiv. Barra minn hekk, l-Artikolu 11 tal-Istatut jistipula li l-Bord Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għall-ġestjoni attwali tal-BĊE.

Iż-żewġ Artikoli jirreferu għall-insjem tal-Bord Eżekuttiv, li huwa konformi mal-kostruzzjoni tal-Bord Eżekuttiv bħala bord kolleġġjali ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Id-deċiżjonijiet kollha jittieħdu mill-Bord Eżekuttiv fit-totalità tiegħu bla ma tiġi allokata responsabbiltà lil xi membru individwali tal-Bord Eżekuttiv. Għalhekk, il-membri kollha tal-Bord Eżekuttiv b'definizzjoni huma involuti fl-oqsma kollha ta' kompetenza tal-Bord Eżekuttiv, kemm jekk ta' politika monetarja, ta' sistemi ta' pagament, karti tal-flus, eċċ. In-natura tal-Bord Eżekuttiv bħala korp kolleġġjali ta' teħid ta' deċiżjonijiet hija riflessa wkoll fil-mod li bih l-istruttura organizzattiva tal-BĊE tidher normalment fil-pubblikazzjonijiet tiegħu.

Madankollu, minħabba l-għadd kbir ta' kwistjonijiet li l-Bord Eżekuttiv irid jittratta, jagħmel

ħafna sens li, għal raġuijiet amministrattivi, il-membri tal-Bord Eżekuttiv jiftiehmu bejniethom li oqsma operattivi determinati jridu jirreferu prinċipalment għal membri determinati tal-Bord Eżekuttiv, mingħajr, madankollu, ma tintesa r-responsabbiltà kollettiva tal-Bord Eżekuttiv kollu.

Naturalment, naf li r-Regoli ta' Proċedura jattribwixxu responsabbiltà speċjali lill-President, fir-rigward tad-'distribuzzjoni tal-portafoll', li jippermetti li titqies il-kompetenza ta' membri individwali tal-Bord Eżekuttiv u li jsir l-aħjar użu possibbli minnha għall-benefiċċju tal-bank. Billi l-membri tal-Bord Eżekuttiv jinħatru fi żminijiet differenti, dan jippermetti r-rieżami tal-allokazzjoni tal-linji ta' rappurtar minn żmien għal żmien. Il-bidla minn żmien għal żmien tar-responsabbiltajiet tal-membri tal-Bord Eżekuttiv issaħħaħ ukoll il-kolleġġjalità tal-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

*31. X'sistema taħseb li hija f'lokha biex tiżgura rotazzjoni ekwa tas-sħubija fil-Bord Eżekuttiv tal-BĊE, anke f'dak li jirrigwarda n-nazzjonalità u l-ġeneru?*

It-Trattat – u fil-fehma tiegħi hekk għandu jkun – jiffoka l-aktar fuq il-kriterju tal-esperjenza u l-kompetenza professjonali, billi jiddikjara li l-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE "għandhom jinħatru minn fost persuni ta' reputazzjoni rikonoxxuta u esperjenza professjonali fi kwistjonijiet monetarji jew bankarji". Dawn l-artikoli jillimitaw il-kunsiderazzjoni tan-nazzjonalità billi jistipulaw li ċ-ċittadini tal-Istati Membri taż-żona tal-euro biss jistgħu jkunu membri tal-Bord Eżekuttiv. B'dan il-mod, it-testi legali jibqgħu lura apposta milli jistipulaw xi prerekwiżiti marbuta man-nazzjonalità (għajr il-limitazzjoni evidenti fiha nfisha għal ċittadini taż-żona tal-euro) jew mal-ġeneru.

Ippermettili nżid li l-karattru sovranazzjonali tal-BĊE jimplika li d-deċiżjonijiet tal-korpi ta' teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu jittieħdu esklussivament f'perspettiva taż-żona tal-euro, u bla ma jitqiesu interessi nazzjonali partikolari. Il-membri tal-korpi ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-BĊE ma jirrappreżentawx l-Istati Membri tagħhom imma jieħdu sehem fit-teħid tad-deċiżjonijiet fil-kapaċità personali tagħhom.

L-introduzzjoni ta' kunsiderazzjonijiet oħra fil-proċedura tal-ħatra, bħan-nazzjonalità u r-rappreżentanza tal-ġeneru, iddaħħal elementi arbitrarji li jistgħu fil-fatt ikunu kontroproduċenti fl-għażla tal-persuni l-aktar kompetenti. Il-proċedura tal-ħatra li tipprevedi l-konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew tikkostitwixxi salvagwardja importanti fil-proċess ta' għażla globali sabiex tkun żgurata l-konformità mal-kriterji stipulati.

*32. X'inhi l-fehma tiegħek dwar il-ħtieġa li titkabbar id-diversità tal-isfondi rrappreżentati fil-Bord tal-BĊE, aktar milli nserrħu esklussivament fuq il-bankiera ċentrali?*

It-Trattat u l-Istatut jesiġu, kif għidt qabel, li l-membri tal-Bord Eżekuttiv iridu jkunu "persuni ta' reputazzjoni rikonoxxuta u esperjenza professjonali fi kwistjonijiet monetarji jew bankarji". Ovvjament, dan ma jfissirx li jridu jkunu bilfors bankiera ċentrali iżda mhuwiex sorprendenti li esperjenza tajba f'bank ċentrali tkun rilevanti u titqies.

Dan ma jfissirx li esperjenzi professjonali oħra ma jkunux siewja ħafna. Fil-fatt, jekk wieħed iħares lejn il-kurrikuli u l-esperjenza professjonali tal-membri attwali u preċedenti tal-Bord

Eżekuttiv, huwa ovvju li mhux dejjem kienu bankiera ċentrali iżda għandhom diversità ta' kompetenzi u esperjenzi li tagħti input siewi lill-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Fil-fatt, l-esperjenza professjonali tiegħi stess, kif ukoll dik ta' ħafna uffiċjali anzjani tal-banek ċentarli, turi li matul il-karriera tiegħi ksibt prospettivi wiesa' u diversi f'firxa ta' karigi kemm fis-settur pubbliku u privat kif ukoll f'dak universitarju, li ċertament jistgħu jgħinuni ħafna fil-kuntest tal-BĊE.

*33. X'ikun l-approċċ personali tiegħek rigward id-djalogu soċjali fil-BĊE?*

Il-persunal tal-BĊE huwa r-riżorsa ewlenija tal-Istituzzjoni. Nixtieq inħeġġeġ djalogu soċjali siewi u effikaċi mal-persunal, anke billi nżomm kooperazzjoni kostruttiva mar-rappreżentanti tal-persunal li ġew eletti biex jirrappreżentaw l-interess tal-persunal kollu (i.e. il-Kumitat tal-Persunal) u ma' min, b'konformità mal-kriterji rilevanti, jirrappreżenta kostitwenza speċifika (i.e. rappreżentanti rikonoxxuti tat-trade unions). L-approċċ tiegħi jkun li naqsam l-informazzjoni mat-tnejn, ninvolvihom fi stadju bikri u nikkonsultahom dwar kwistjonijiet rilevanti. Kollox ma' kollox, l-għan tiegħi huwa li naħdem mar-rappreżentanti tal-persunal b'mod amikevoli fi spirtu ta' sħubija, rieda tajba u rispett reċiproku.

Barra minn hekk, fil-livell tal-SEBĊ/Eurosistema, il-BĊE jżomm djalogu mar-rappreżentanti tal-persunal tal-banek ċentrali kostitwenti u l-federazzjonijiet tat-trade unions li jkunu affiljati magħhom, billi joħroġ bullettin darbtejn fis-sena u billi jospita żewġ laqgħat annwali ta' Djalogu Soċjali tal-SEBĊ fi Frankfurt. Dawn huma għodod importanti li bihom żvilupp rigward il-proġetti tal-SEBĊ/Eurosistema jistgħu jinqasmu u jiġu diskussi mar-rappreżentanti tal-persunal u l-fedreazzjonijiet tat-trade unions. Biħsiebni nkompli dawn il-prattiki bl-għan li nħeġġeġ il-kooperazzjoni u spirtu ta' tim fis-sistema.

*34. Tkun favur proċedura ta' konferma mill-Parlament Ewropew (minkejja l-kwistjonijiet kostituzzjonali li tali bidla tqajjem)?*

Fis-snin riċenti l-Parlament Ewropew kiseb firxa kbira ta' kompetenzi wiesa', b'mod partikolari bit-Trattat ta' Lisbona. It-Trattat jipprevedi wkoll proċedura ta' ħatra ċara għal membri tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE, filwaqt li jagħti rwol konsultattiv lill-Parlament Ewropew li jorganizza smigħ u votazzjoni dwar il-kandidati proposti mill-Kunsill.

Nemmen li din il-proċedura ta' ħatra kienet tajba għall-BĊE matul is-snin. Huwa essenzjali li din il-proċedura ssir bla xkiel u tiżgura, kif fil-fatt għamlet, kontinwità xierqa fit-tmexxija tal-istituzzjoni u kredibbiltà tal-proċess tal-għażla fir-rigward taċ-ċittadini u s-swieq tal-UE. F'konformità mal-ispirtu tar-rekwiżiti li jinħatru "persuni ta' reputazjzoni rikonoxxuta u esperjenza professjonali fi kwistjonijiet monetarji u bankarji", il-proċedura pprovdiet persuni ta' kompetenza kbira, impenn, indipendenza u integrità. Għalhekk ma narax il-ħtieġa għal bidliet fil-proċedura attwali, meta jitqiesu r-riżultati li kisbet din il-proċedura.

*35. Tista' telabora fuq fehmietek dwar il-kunċett tar-responsabbiltà demokratika fir-rigward tal-BĊE u tal-banek ċentrali inġenerali?*

Biex iwettqu l-mandat tagħhom b'mod effikaċi, il-banek ċentrali jrid ikollhom livell għoli ta' indipendenza. Din l-indipendenza trid timxi id f'id mar-responsabbiltà. Ir-responsabbiltà demokratika tal-banek ċentrali tista' titqies bħala l-obbligu tagħhom li jispjegaw u

jiġġustifikaw sew id-deċiżjonijiet tagħhom u li jassumu r-responsabbiltà tagħhom biex iwettqu l-mandat tagħhom fir-rigward taċ-ċittadini. Billi jkunu responsabbli u trasparenti, il-banek ċentrali jżidu l-kredibbiltà tagħhom, li hija valur sod fi żminijiet normali u element sinifikanti fi żminijiet ta' kriżi bħal dawk li konna qed nesperjenzaw.

L-indipendenza tal-BĊE hija stabbilita sew fit-Trattat li jipprevedi wkoll ir-responsabbiltà tiegħu. Ir-responsabbiltà tal-BĊE hija l-ewwel u qabel kollox lejn iċ-ċittadini Ewropej u, istituzzjonalment, lejn il-Parlament Ewropew, bħala l-istituzzjoni li hija ffurmata mir-rappreżentanti eletti direttament tal-pubbliku Ewropew. It-twettiq tar-responsabbiltà tal-BĊE fir-rigward tal-Parlament Ewropew huwa fundamentali għal-leġittimità demokratika tal-BĊE. Jiena konxju mill-fatt li fil-passat il-BĊE dejjem apprezza ferm l-iskambji tiegħu mal-Parlament Ewropew, mhux biss dwar kwistjonijiet ekonomiċi u monetarji iżda anke dwar ir-riforma tal-qafas superviżorju tal-UE s-sena li għaddiet u dwar il-pakkett leġiżlattiv dwar il-governanza din is-sena. Jiena ħerqan li nkompli dan id-djalogu siewi.

Inqis ukoll bħala importanti ħafna l-firxa ta' mezzi oħra, stabbiliti sew, li permezz tagħhom, kif taf sew, il-BĊE jwettaq ir-responsabbiltà tiegħu lil hinn mill-obbligi statutarji. Ir-Rapport Annwali tal-BĊE jitressaq quddiem il-Parlament Ewropew (u l-Kunsill); il-President tal-BĊE jidher quddiem il-Kumitat ECON kull tliet xhur; membri oħra tal-bord Eżekuttiv jiġu mistiedna għal seduti ta' smigħ dwar suġġetti speċifiċi. Elementi komplementarji jinkludu l-konferenzi stampa ta' kull xahar tal-BĊE b'Diskors Introduttorju mill-President tal-BĊE; il-Bullettin ta' Kull Xahar tal-BĊE; pubblikazzjonijiet uffiċjali oħra; diskorsi u intervisti ta' membri tal-Bord Eżekuttiv. Jiena konvint li l-BĊE jissodisfa l-ogħla rekwiżiti f'termini ta' trasparenza u responsabbiltà ta' bank ċentrali u biħsiebni nħares dawn il-kisbiet.

*36. Il-BĊE ilu ħafna joqgħod lura milli jilqa' t-talba tal-Parlament Ewropew li jippubblika l-minuti tal-laqgħat tal-Kunsill Governattiv tiegħu. X'taħseb li jistgħu jkunu l-impedimenti u l-inkonvenjenzi ta' pubblikazzjoni tali? Tkun favur li l-BĊE jippubblika l-minuti tal-laqgħat tal-Kunsill Governattiv tiegħu fil-futur qrib?*

Bank ċentrali indipendenti jrid ikun konformi mar-rekwiżiti legali tiegħu ta' responsabbiltà. Ir-responsabbiltà hija prekundizzjoni fundamentali għal-leġittimita demokratika, u element ewlieni tagħha; timponi d-dixxiplina fuq bank ċentrali indipendenti biex iwettaq il-kompiti tiegħu bl-ogħla standards ta' professjonalità u hija essenzjali sabiex tikkontribwixxi għaż-żamma tal-istabbiltà tal-prezzijiet fuq perjodu medju ta' żmien.

Il-proċess ta' responsabbiltà jsegwi l-prinċipji stabbiliti fit-Trattat. L-ewwel nett, il-BĊE għandu responsabbiltà lejn iċ-ċittadini tal-UE, u lejn ir-rappreżentanti tagħhom fil-Parlament Ewropew, li huwa l-unika istituzzjoni Ewropea direttament eletta minnhom. It-tieni, l-Istatut tal-SEBĊ jistipula li l-proċedimenti tal-laqgħat għandhom ikunu kunfidenzjali.

Ir-responsabbiltà għandha tkun effikaċi fl-għoti lill-pubbliku ta' informazzjoni rilevanti għall-fehim tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill Governattiv dwar il-politika monetarja. F'dan ir-rigward, il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dettaljata wisq tista' anke tkun kontroproduċenti, għaliex il-messaġġi politiċi jistgħu ma jibqgħux ċari.

Huwa veru li l-pubblikazzjoni ta' minuti bil-bilanċ tal-voti tal-membri tal-Kunsill Governattiv tagħti lill-pubbliku informazzjoni addizzjonali dwar id-diversità ta' fehmiet fi ħdan il-Kunsill

Governattiv. Madankollu, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE huwa korp kolleġġjali ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u bħal ħafna kumitati oħra għall-politika monetarja, iħaddan r-responsabbiltà kollettiva. Dan ifisser li l-membri tal-Kunsill Governattiv huma responsabbli b'mod konġunt għad-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill Governattiv. Pubblikazzjoni f'waqtha tal-minuti jista' jkollha l-effett mhux mixtieq li l-membri tal-Kunsill Governattiv jaffaċċjaw tentattivi mhux xierqa mill-midja biex tattribwilhom responsabbiltà individwali, u b'hekk tfixkel ir-responsabbiltà kollettiva u l-indipendenza personali.

Fl-istess ħin, mezzi oħra ta' komunikazzjoni diġà jiżguraw li l-pubbliku jirċievi l-informazzjoni meħtieġa biex jifhem bis-sħiħ id-deċiżjonijiet tal-BĊE dwar il-politika monetarja. Id-definizzjoni kwantitattiva tal-istabbiltà tal-prezzijiet u l-istrateġija dwar il-politika monetarja jgħinu lill-pubbliku jivvalutaw il-prestazzjoni tal-BĊE; din il-valutazzjoni esterna tal-BĊE hija ffaċilitata bil-pubblikazzjoni f'waqtha ta' informazzjoni rilevanti bħall-istqarrijiet għall-istampa, il-Bullettin ta' Kull Xahar tal-BĊE u d-Diskors Introduttorju tal-President wara l-konferenzi stampa ta' kull xahar.

*37. X'konklużjonijiet tislet mit-tqabbil bejn il-politiki ta' trasparenza tal-Federal Reserve Bank u tal-BĊE? X'taħseb dwar il-pubblikazzjoni tal-minuti tal-laqgħat tal-Fed u tal-Bank of England? Taħseb li din il-politika tista' titħaddem mill-BĊE?*

Nemmen li t-trasparenza hija essenzjali għall-banek ċentrali li l-għan tagħhom huwa l-istabbiltà tal-prezzijiet, u li dan huwa kkonfermat mill-prassi segwiti mill-banek ċentrali ewlenin kollha. It-trasparenza tikkontribwixxi għal tnaqqis tal-inċertezza rigward azzjonijiet politiċi futuri kif ukoll tal-volatilità tal-inflazzjoni, u tikkontribwixxi għall-ankraġġ tal-aspettattivi rigward l-inflazzjoni. Il-BCE, il-Fed u l-Bank of England tejbu l-prassi tagħhom u llum jistgħu jitqiesu li huma minn ta' quddiem fid-dinja f'termini ta' trasparenza tal-banek ċentrali.

It-trasparenza tirrikjedi lill-bank ċentrali jispjega ċarament kif jinterpreta l-mandat tiegħu u jkun onest dwar l-għanijiet politiċi tiegħu, sabiex jgħin lill-pubbliku jimmonitorja u jevalwa l-prestazzjoni tal-bank ċentrali. Barra minn hekk, il-bank ċentrali jeħtieġlu jispjega l-qafas analitiku utlizzat fil-proċess deċiżjonali intern u fil-valutazzjoni tiegħu tal-istat tal-ekonomija, u li spiss jiċċara r-raġunijiet ekonomiċi għat-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu.

Hemm tendenza komuni favur aktar trasparenza fost il-banek ċentrali, u nemmen li fil-passat il-BĊE ta l-eżempju f'diversi aspetti. Il-BĊE ħabbar strateġija formali dwar politika monetarja u jispjega regolarment deċiżjonijiet dwar il-politika monetarja li japplikaw dik l-istrateġija. Kemm il-BĊE kif ukoll il-Bank of England speċifikaw ċarament f'termini kwantitattivi xi tfisser l-istabbiltà tal-prezzijiet. Dan ma kienx il-każ għall-Fed fil-passat, iżda komunikazzjonijiet riċenti jagħtu indikazzjonijiet li l-Fed jiddefinixxi l-istabbiltà tal-prezzijiet b'mod simili għall-BĊE.

It-tliet banek ċentrali kollha, il-Fed, il-Bank of England u l-BĊE, enfasizzaw l-importanza tal-komunikazzjoni effikaċi u tal-interazzjoni tajba mal-pubbliku. Madankollu, hemm diversi possibilitajiet biex tittejjeb il-komunikazjzoni; il-pubblikazzjoni tal-minuti hija biss waħda minn diversi possibilitajiet. Għall-MPC tal-Bank of England, li japplika r-responsabbiltà individwali, jagħmel sens perfettament li jiġu ppubblikati l-minuti tal-laqgħat politiċi. Fil-każ tal-Fed, hemm rekwiżit formali biex il-minuti jiġu ppubblikati, iżda r-rekords tal-votazzjoni

ppubblikati jistgħu ma jirriflettux għalkollox id-diversità tal-fehmiet fid-deliberazzjonijiet interni tal-FOMC; biex tikkomunika dan, il-Fed użat mezzi oħra.

Kif għidt fit-tweġiba preċedenti tiegħi, il-BĊE jeħtieġlu jżomm id-deliberazzjonijiet tal-Kunsill Governattiv kunfidenzjali u dan jippermetti lill-Kunsill Governattiv jieħu deċiżjonijiet dwar il-politika monetarja b'indipendenza sħiħa u bl-għan li jenfasizza r-responsabbiltà kollettiva tiegħu. Madankollu, il-BĊE juża mezzi oħra ta' komunikazzjoni li jipprovdu informazzjoni li tista' titqabbel mal-minuti tal-banek ċentrali l-oħra msemmija. Partikolarment, id-Diskors Introduttorju tal-President fil-konferenza stampa jipprovdi sommarju komprensiv tal-valutazzjoni rilevanti għall-politika tal-iżviluppi ekonomiċi. Hija valutazjzoni skont il-linji miftiehma kollettivament mill-Kunsill Governattiv. Din l-informazzjoni tingħata kważi dak f'ħin reali. Barra minn hekk, il-konferenza stampa ta' kull xahar tinkludi sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet li jipprovdu pjattaforma għal spjegazzjoni f'waqtha u imparzjali lill-pubbliku tad-deċiżjonijiet dwar il-politika monetarja.

Nemmen li s-suċċess tal-prassi tal-BĊE li jagħti konferenzi stampa, li jagħti lill-pubbliku u lill-midja informazzjoni aktar estensiva dwar id-deċiżjonijiet, jidher ċar mill-fatt li din qed issir ukoll minn banek ċentrali oħra, partikolarment il-Bank of England u aktar reċentement (minn April li għadd) il-Fed.

*38. X'inhi l-opinjoni tiegħek dwar d-djalogu monetarju mal-Parlament Ewropew? Il-membri tal-bord tal-BĊE jistgħu jiddiskutu l-politika monetarja u d-deċiżjonijiet tiegħu ma' atturi politiċi oħra, jew dan ikun ta' ħsara għall-indipendenza tal-bank?*

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament Ewropew jorganizza seduti ta' smigħ tal-President tal-BĊE kull tliet xhur. Din l-interazzjoni regolari hija komplementarja għall-indipendenza tal-BĊE u hija fundamentali għat-twettiq tar-responsabbiltà demokratika tal-BĊE. Tipprovdi okkażjoni importanti ħafna għall-BĊE biex jispjega l-politiki tiegħu lir-rappreżentanti eletti direttament taċ-ċittadini Ewropej.

Dan il-qafas ta' seduti ta' smigħ regolari ppermetta interazzjoni bir-reqqa u siewja bejn iż-żewġ istituzzjonijiet u għen biex jiżdied il-fehim tal-politiki tal-BĊE fl-Ewropa kollha.

Il-qafas istituzzjonali li jappartjeni għar-relazzjonijiet tal-BĊE ma' istituzzjonijiet u fora oħra tal-UE huwa stabbilit sew ukoll. Il-qafas attwali jippermetti interazzjoni aktar effikaċi bejn min ifassal il-politika bħal, pereżempju, fil-Grupp tal-euro u l-Kunsill ECOFIN, jew f'livell aktar baxx fil-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju u fil-Kumitat għall-Politika Ekonomika tal-UE. Barra minn hekk, din l-interazzjoni ssir abbażi tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat b'rispett sħiħ għall-mandat u l-indipendenza tal-BĊE.

## <u>E. Ġenerali</u>

*39. Fil-fehma tiegħek, x'inhuma l-aktar riskji u sfidi importanti għall-BĊE?*

Rigward l-isfidi u r-riskji ewlenin għall-BĊE, ippermettili nillimita ruħi biss għal tlieta minnhom.

Rigward il-politika monetarja, id-definizzjoni preċiża tal-modalitajiet biex jitbiegħed minn

pożizzjoni dwar il-politika monetarja li għadha akkomodanti ħafna u t-tneħħija gradwali tal-miżuri mhux standard li fadal, huma ċertament sfida kbira. Il-politika monetarja standard (i.e. l-istabbiliment tar-rati tal-politiki tagħna) għandha tkun aġġustata bħal dejjem bl-għan li jitwettaq il-mandat tal-BĊE, i.e. li tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet għaż-żona tal-euro kollha fuq perjodu medju ta' żmien; il-miżuri mhux standard iridu jitneħħew gradwalment sal-punt li ma jkunux meħtieġa aktar biex jappoġġjaw il-funzjonament tat-trażmissjoni tal-politika monetarja lill-ekonomija u, fl-aħħar nett, lill-prezzijiet. Il-livell għoli kontinwu ta' inċertezza dwar l-ambjent makroekonomiku u finanzjarju flimkien mal-vulnerabilitajiet li fadal jirrikjedu valutazzjoni attenta tas-sitwazzzoni u tal-prospettivi ġenerali. Dan min-naħa tiegħu jirrikjedi element ta' gradwaliżmu fil-bidla tal-politika monetarja standard u mhux standard.

Sfida oħra li nixtieq nenfasizza hija marbuta mal-istabbiltà finanzjarja. Il-kriżi finanzjarja qajmet għadd ta' mistoqsijiet dwar ir-relazzjoni bejn il-politika monetarja u l-istabbiltà finanzjarja, filwaqt li enfasizzat il-fatt li m'hemmx kompromess bejn l-objettiv tal-istabbiltà tal-prezzijiet u l-appoġġ li l-BĊE jista' jagħti lil oqsma oħra, bħall-istabbiltà finanzjarja. F'dan ir-rigward, huwa essenzjali li jkollna għarfien aħjar tar-rwol tas-settur finanzjarju fil-mekkaniżmu ta' trażmissjoni tal-politika monetarja.

Fl-aħħar nett, ippermettili nsemmi lill-Ewropa stess. Il-kriżi tad-dejn sovran hija test veru għar-rieda politiku fl-Ewropa biex isir dak kollu li huwa meħtieġ biex tkun żgurata l-integrazzjoni ekonomika u monetarja fl-Ewropa. F'dan ir-rigward, huwa wkoll test veru għas-solidità tal-istituzzjonijiet Ewropej u nazzjonali. Tinħtieġ azzjoni deċiżiva, speċjalment mill-gvernijiet tal-pajjiżi milquta mill-kriżi tad-dejn sovran, biex terġa' tiddaħħal il-fiduċja u jiġi evitat il-kontaġju. Jekk inħarsu 'l quddiem, għandhom jitwaqqfu istituzzjonijiet li jevitaw l-iżvilupp mill-ġdid tal-iżbilanċi, u – jekk minkejja kollox jerġgħu jitfaċċaw – li jistgħu jsolvuhom b'mod effikaċi.

Dan jeħtieġ li l-iżviluppi nazzjonali jitqiegħdu dejjem aktar f'kuntest Ewropew. Il-politiki fiskali, ir-riformi strutturali u s-superviżjoni finanzjarja għandhom jirrispettaw għalkollox id-dimensjoni Ewropea, u partikolarment id-dimensjoni taż-żona tal-euro. Huwa biss b'azzjonijiet politiċi konformi ma' rekwiżiti Ewropej imsaħħa li l-pajjiżi fl-Ewropa jistgħu jiksbu għalkollox il-benefiċċji li jkunu parti mill-unjoni ekonomika u monetarja. Din l-isfida formidabbli mhijiex biss importanti għalija bħala Ewropew dedikat, iżda hija rilevanti wkoll għall-politika monetarja tal-BĊE billi taffettwa l-ambjent li fih jopera l-BĊE.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 15.6.2011 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 33<br>–: 2<br>0: 4 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Sharon Bowles, Udo Bullmann, Pascal Canfin, Nikolaos Chountis, George Sabin Cutaş, Leonardo Domenici, Diogo Feio, Elisa Ferreira, Ildikó Gáll-Pelcz, José Manuel García-Margallo y Marfil, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Liem Hoang Ngoc, Gunnar Hökmark, Wolf Klinz, Jürgen Klute, Philippe Lamberts, Werner Langen, Astrid Lulling, Arlene McCarthy, Ivari Padar, Alfredo Pallone, Anni Podimata, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Edward Scicluna, Peter Simon, Peter Skinner, Theodor Dumitru Stolojan, Ivo Strejček, Kay Swinburne, Marianne Thyssen, Ramon Tremosa i Balcells, Corien Wortmann-Kool |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | David Casa, Ashley Fox, Thomas Mann, Claudio Morganti |